Programme d'éducation
et de formation
tout au long de la vie

Methods
www.languages.dk

# Taħriġ fil-Post tax-xogħol Internazzjonali



# GWIDA

# Werrej

**L-EWWEL PARTI: PUNTI GĦALL-ISTUDENTI** . . . 4
QABEL IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . 5
Motivazzjoni . . . 5
Raġunijiet għaliex tmur barra . . . 5
Applikazzjoni . . . 6
Kif takkwista l-informazzjoni . . . 6
Il-preparazzjoni tad-dokumenti għall-applikazzjoni . . . 8
Il-kuntatt mal-organizzazzjoni li ser tħaddmek . . . 9
Il-preparazzjoni . . . 10
L-għażla tal-pajjiż fejn sejjer taħdem u l-organizzazzjoni li se tilqgħek . . . 10
Arranġamenti għall-akkomodazzjoni . . . 10
Arranġamenti għas-safar . . . 10
Dokumenti . . . 12
Il-finanzjament . . . 14
Il-preparazzjoni lingwistika . . . 16
Il-preparazzjoni kulturali . . . 28

WAQT IT-TAĦRIĠ PRATTIKU . . . 19
L-ewwel kuntatti . . . 19
X'tagħmel meta jkollok il-problemi . . . 20
Soċjalizzazzjoni . . . 20
It-titjib tal-ħiliet fil-lingwa u/jew it-tagħlim ta' lingwa ġdida . . . 21
Il-ġbir tad-dokumenti . . . 22
WARA T-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . 22

**IT-TIENI PARTI: PUNTI GĦALL-KORDINATURI** . . . 23
IL-KORDINATURI LI JIBAGĦTU L-ISTUDENTI . . . 24
QABEL IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . 24
Kif issib 'partners' addattati biex jilqgħu studenti li jixtiequ jagħmlu esperjenza ta' taħriġ fil-post tax-xogħol . . . 24
Il-preparazzjoni tad-dettalji għall-formola tal-applikazzjoni . . . 25
L-implimentazzjoni tal-proċess tal-għażla . . . 25
Il-preparazzjoni tad-dokumenti għal taħriġ fil-post tax-xogħol . . . 26
Arranġamenti għall-vjaġġ, l-akkomodazzjoni u l-assigurazzjoni . . . 26
L-organizzazzjoni tal-preparazzjoni lingwistika u dik kulturali . . . 27

WAQT IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . 27
Il-monitoraġġ tat-taħriġ f il-post tax-xogħol . . . 27
Iż-żamma tal-kuntatt mal-parteċipanti tal-mobilità . . . 28
Kif tgħin biex tinstab soluzzjoni għall-problemi . . . 28

WARA IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . . . 28
L-evalwazzjoni tat-taħriġ fil-post tax-xogħol . . . . . 28
It-tħaddim tal-proċedura għar-rikonoxximent tat-tagħlim miksub mit-taħriġ . . . 29
Il-qsim ma' oħrajn ta' eżempji ta' prattika tajba . . . . . 30

IL-KORDINATURI LI JILQGĦU LILL-ISTUDENTI . . . . . 30
QABEL IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . . . 30
Jagħmel kuntatt ma' kumpaniji u intrapriżi li jospitaw lill-istudenti . . . . . 30
Jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji lill-kordinatur responsabbli milli jibgħat lill-parteċipanti . . . . . 30

WAQT IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . . . 31
Jorganizza laqgħa ta' introduzzjoni għall-parteċipanti . . . . . 31
Jimmonitorja t-taħriġ fil-post tax-xogħol . . . . . 31

WARA T-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . . . 31
Jevalwa t-tagħlim milħuq u jgħin biex jinħarġu ċ-ċertifikati lill-parteċipanti. . . . . 31

**IT-TIELET PARTI: PUNTI GĦALL-MENTORS . . . . . 33**
QABEL IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . . . 33
Il-preparazzjoni għat-taħriġ fil-post tax-xogħol . . . . . 33
X'informazzjoni għandha tingħata lill-impjegati tal-kumpanija. . . . . 34
Il-preparazzjoni ta' materjal ta' informazzjoni. . . . . 34

WAQT IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . . . 34
L-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' introduzzjoni . . . . . 34
Il-monitoraġġ tat-taħriġ fil-post tax-xogħol . . . . . 35

WARA T-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL . . . . . 36
L-evalwazzjoni tat-taħriġ fil-post tax-xogħol . . . . . 36
It-tlestija tad-dokumenti. . . . . 37
Il-qsim ta' prattika tajba ma' ħaddieħor. . . . . 38

**APPENDIĊI . . . . . 39**
Appendiċi 1: GĦAJNUNIET għall-ISTUDENTI . . . . . 39
Appendiċi 2 : GĦAJNUNIET għall-KORDINATURI . . . . . 40
Appendiċi 3: GĦAJNUNIET għall-MENTORS. . . . . 41

Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni.

# L-EWWEL PARTI: PUNTI GĦALL-ISTUDENTI

**Introduzzjoni**

Taħriġ fil-post tax-xogħol internazzjonali (TPXI) huwa avventura: esperjenza ta' tagħlim u ħajja unika kemm fuq livell professjonali u anke fuq dak personali.
Madankollu, huwa importanti ħafna li tkun konxju tar-rwol soċjali tiegħek ukoll. Inti rappreżentant u ambaxxatur tal-iskola, pajjiżek u l-kultura tiegħek tul il-perjodu kollu li se tqatta' barra. Huwa xogħlok li turi atitudni pożittiva u li ġġiegħel lin-nies fil-pajjiż fejn sejjer, pereżempju dawk li ser taħdem magħhom, ikunu jafu lil pajjiżek permezz tiegħek. Uri atitudni pożittiva sabiex iġġiegħel lill-oħrajn ikunu jridu jafu aktar mnejn ġej.
Waqt it-taħriġ fil-post tax-xogħol għandek l-opportunità li tiżviluppa potenzjal 'il bogħod mill-għanijiet li kienu miftiehma għat-taħriġ tiegħek li jirreferi partikolarment għall-iżvilupp personali (interkulturali) u t-tagħlim tal-lingwa. Tista' taqbad xi ftit affarijiet bażiċi mil-lingwa l-ġdida, il-lingwa tal-pajjiż fejn qiegħed taħdem, u titgħallem ħafna dwar il-kultura u t-tradizzjonijiet billi tissoċjalizza mal-ħaddiema u n-nies tal-lokal.
Tista' tingħata l-opportunità li tippreżenta l-ideat jew esperjenzi li għaddejt minnhom fuq il-post tax-xogħol – użaha u ħu rwol attiv fil-grupp, għalkemm tista' tistħi u tibqa' lura. Tajjeb li tipprova għaliex tista' tagħti informazzjoni interessanti ħafna lil min qiegħed iħaddmek barra. Hekk ma jikkunsidrawkx bħala "ħaddiem irħis u temporanju" imma jkunu interessati fil-valur miżjud li tista' ġġib lill-kumpanija.

Parteċipanti li diġà kellhom din l-esperjenza qalu li kien hemm ħafna benefiċċji fit-taħriġ fil-post tax-xogħol internazzjonali. Qalu li esperjenza bħal din:

- tkabbar il-kunfidenza personali u l-indipendenza
- ittejjeb il-komunikazzjoni u l-ħiliet interkulturali
- timmotiva l-abbiltà li tadatta
- tħeġġeġ ix-xogħol f'tim
- tipprovdi parteċipanti b'kuntatti ta' valur kbir fil-qasam professjonali
- tiftaħ orizzonti ġodda/opportunitajiet għal karriera professjonali fil-futur

Din il-parti tal-gwida tagħtik deskrizzjoni fuq fuq tax-xogħlijiet u l-attivitajiet ewlenin li għandhom isiru qabel, waqt u wara t-taħriġ fil-post tax-xogħol internazzjonali.
Dawn l-għajnuniet ser ikollhom links biex jgħinuk issib aktar informazzjoni u jagħmlulek it-taħriġ fil-post tax-xogħol internazzjonali esperjenza f'ħajtek li ma tinsihiex.
Aktar għajnuna hija mogħtija permezz tal-Portafoll ta' Taħriġ fil-Post tax-Xogħol Internazzjonali (Portafoll ta' TPXI) li tista' tniżżlu u tadattah għal taħriġ fil-post tax-xogħol individwali, u tipprintjah.

# QABEL IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL

## Motivazzjoni

**Raġunijiet għaliex tmur barra**

Hemm ħafna raġunijiet għaliex tagħmel taħriġ internazzjonali fil-post tax-xogħol.
It-tabella hawn taħt tagħti deskrizzjoni qasira tar-raġunijiet ewlenin, l-għanijiet relatati li għandhom jiġu akkwistati waqt il-mobiltà u l-impatt ta' dawn fuq dawk il-parteċipanti li jmorru barra.

| Raġunijiet: | Għanijiet: | Impatt: |
|---|---|---|
| Il-ħiliet komunikattivi huma limitati f'lingwa barranija/lingwi barranin | • biex ittejjeb il-ħiliet fil-lingwa barranija u/jew biex titgħallem lingwa barranija ġdida ( il-lingwa tal-pajjiż li qiegħed taħdem fih)<br>• biex ittejjeb il-vokabularju relatat mal-post tax-xogħol<br>• biex tikkomunika mal-kollegi tax-xogħol<br>• biex tissoċjalizza man-nies tal-lokali waqt il-ħin liberu | • titjib fil-profiċjenza tal-lingwa<br>• ħiliet komunikattivi aħjar fuq il-post tax-xogħol (kuntatti aħjar mal-klijenti barranin) |
| Tixtieq tikseb esperjenza professjonali internazzjonali (iżżid il-ħiliet professjonali li diġà għandek, takkwista ħiliet ġodda, eċċ) | • biex ittejjeb/iżżid il-ħiliet professjonali u t-tagħrif li diġà għandek<br>• biex takkwista ħiliet ġodda u tagħrif ibbażat fuq esperjenzi personali waqt il-mobiltà (titgħallem billi tagħmel), eż materjali ġodda, l-użu ta' metodi tax-xogħol ġodda, magni ġodda, l-applikazzjoni ta' kriterji ġodda għall-kwalità tal-kontroll, evalwazzjoni eċċ. | • tejjibt u/jew akkwistajt ħiliet professjonali ġodda f'ambjent internazzjonali (issapportjati minn Mobiltà Ewropass, ċertifikati, ittri ta' rakkomandazzjoni eċċ).<br>Dan isaħħaħ is-CV tiegħek u jirrappreżenta bonus żejjed fl-applikazzjoni tiegħek għax-xogħol |
| Tixtieq issiefer barra (tara pajjiżi oħra, tiltaqa' ma' nies ġodda, tesperjenza modi ġodda tal-ħajja) | • biex takkwista ħiliet interkulturali bħal:<br>• issir midħla tat-tradizzjoni, il-ħajja u d-drawwiet tal-pajjiż fejn sejjer taħdem<br>• tifhem u tirrispetta kulturi oħra<br>• issir kulturalment konxju u tolleranti | • akkwistajt kompetenzi interkulturali li jwasslu fl-abbiltà tiegħek li tintegra u tikkopera fit-tim internazzjonali li ser taħdem fih<br>• kuntatti personali ġodda ma' nies fil-qasam professjonali tiegħek li jistgħu jkunu utli fil-futur bħala kuntatti kummerċjali, eċċ. |
| Trid ittejjeb iċ-ċans għall-karriera | • biex takkwista esperjenza professjonali, personali u interkulturali barra | • pożizzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol kemm f'pajjiżek u anke barra<br>• iżżid il-kunfidenza personali |



Ġeneralment, l-għanijiet ewlenin għal esperjenza barra mill-pajjiż għandhom ikunu:

- biex tagħraf il-ħiliet u n-nuqqasijiet tiegħek
- biex tagħraf l-opportunitajiet li jista' jkollok għall-karriera professjonali tiegħek fil-futur
- biex ittejjeb il-pożizzjoni tiegħek fuq is-suq tax-xogħol kemm f'pajjiżek u kemm barra.

Meta tiddeċiedi li tapplika għal taħriġ f'post tax-xogħol internazzjonali l-ewwel għandek tiċċara dak li qiegħed tistenna f'dak li għandu x'jaqsam mal-għanijiet professjonali u personali li trid takkwista meta tmur barra. Dan jgħinek waqt il-proċess tal-applikazzjoni, (li jistgħu jinkludu intervisti personali, intervisti bit-telefown, ittri ta' motivazzjoni, l-ewwel kuntatt mal-espert ta' fiduċja tal-kumpanija fejn ser tkun qiegħed taħdem eċċ), fejn tista' tkun mistoqsi biex tispjega/tiġġustifika l-motivazzjoni tiegħek. Madankollu, għandek tkun konxju mill-fatt li huwa diffiċli ħafna biex issib taħriġ fix-xogħol li jilħaq dak kollu mistenni mill-persuna li tkun sejra barra. Għalhekk, jekk tagħmel lista tal-għanijiet professjonali u personali tiegħek skont il-prijorità tkun tista' tieħu d-deċiżjoni aktar faċli.

Jekk it-taħriġ fix-xogħol ikun organizzat mill-istituzzjoni f'pajjiżek fil-programm Erasmus+, tkun daqsxejn limitat għal istituzzjonijiet barranin imsieħba u l-postijiet għat-taħriġ fix-xogħol inklużi fl-offerta tagħhom. Dawn jistgħu ma jilħqux dak kollu li tkun qiegħed tistenna, imma l-kontenut tat-taħriġ ikun żgur jaqbel mal-ħtiġijiet mitluba mill-istituzzjoni f'pajjiżek fejn għandu x'jaqsam ir-rikonoxximent tat-tagħlim f'pajjiż barrani fil-programm ta' studju tiegħek.

## Applikazzjoni

***Kif takkwista l-informazzjoni***

Qabel ma tapplika għal taħriġ f'post tax-xogħol barra minn pajjiżek huwa importanti li tkun infurmat tajjeb dwar il-possibiltajiet li tieħu sussidju u dwar il-proċedura tal-applikazzjoni:

- persuni li jistgħu jiġu kkuntattjati
- kundizzjonijiet u kriterji tal-għażla
- dati tal-għeluq
- formoli tal-applikazzjoni
- dokumenti oħra li huma meħtieġa, eċċ.

L-aħjar ħaġa hi li tikkuntattja l-uffiċċju Internazzjonali jew il-kordinatur tat-TPXI fl-istituzzjoni f'pajjiżek għal aktar informazzjoni dwar il-programm Erasmus+ li joffri fondi biex jikkofinanzja taħriġ fuq post tax-xogħol internazzjonali. Tista' tinforma ruħek dwar Erasmus+ billi żżur il-paġna tas-sit tal-Aġenzija Nazzjonali tiegħek. Il-lista bid-dejta dwar l-Aġenziji Nazzjonali fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (stati membri u kandidati) tista' ssibha f'din il-link:
http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/national-agencies/index_en.htm

Jekk qiegħed tapplika għal sussidju tal-Erasmus+ fl-istituzzjoni f'pajjiżek, il-proċedura tal-implimentazzjoni hija ppreparata u implimentata mill-kordinatur tat-TPXI. Fdan il-każ, tista' ssib l-informazzjoni kollha msemmija fuq fis-Sejħa għall-Applikazzjoni, u fuq il-mudell tad-dokument fuq il-paġna tal-internet tal-iskola/istituzzjoni tiegħek. Xi drabi jkunu organizzati laqgħat ta' introduzzjoni għall-istudenti interessati li jsiefru u dawn jinkludu:

- il-preżentazzjoni tal-programm Erasmus+
- il-pajjiżi u l-istituzzjonijiet imsieħba
- diskussjoni miftuħa biex ikunu mwieġba l-aktar mistoqsijiet importanti ta' dawk li aktarx jipparteċipaw.

Tista' wkoll torganizza laqgħa mal-kordinatur tat-TPXI tiegħek għal informazzjoni iktar speċifika li għandha x'taqsam mal-interessi personali tiegħek.

Jekk għad għandek dubju tapplikax jew le, tista' jew tistaqsi lill-kordinatur tat-TPXI tiegħek għad-dettalji biex tikkuntattja lil xi parteċipanti li diġà għamlu din l-esperjenza, jew taqra l-kummenti fuq il-paġna tal-internet tal-iskola tegħek, jekk hemm.

Jekk ma rnexxilekx tieħu sussidju imma għadek determinat li tfittex post tax-xogħol għal taħriġ internazzjonali, hemm paġni tajbin ħafna fuq l-internet fejn tista' ssib opportunitajiet biex issiefer għat-taħriġ u aktar links ta' għajnuna:

http://www.euroapprenticeship.eu/en/information-about-mobility.html:
Din il-paġna tipprovdi informazzjoni relatata mas-safar għall-pajjiżi kollha fl-UE u kuntatti relevanti (organizzazzjonijiet, programmi u inizjattivi, sorsi ta' informazzjoni) – hija neċessarja reġistrazzjoni li hi b'xejn.

www.leonardoexperience.eu:
Paġna tal-internet Ewropea żviluppata għall-partijiet kollha involuti fis-safar – informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet ta' mobiltà (kemm dawk li qegħdin jibagħtu u dawk li qegħdin jirċievu l-parteċipanti), min iħaddem u l-parteċipanti. Hawnhekk tista' ssib kummenti tal-parteċipanti li diġà marru barra, titfa' s-CV tiegħek u tfittex postijiet tax-xogħol fejn ser titħarreġ jew xogħlijiet, tesplora riżorsi għall-preparazzjoni lingwistika, u ħafna aktar.

http://www.animafestexperience.com/signin.php:
Animafest hija l-ikbar organizzazzjoni intermedjarja għall-mobilità fi Spanja. Il-paġna tal-internet tagħhom fi 17-il lingwa toffri internships f'aktar minn 250 lukanda fi Spanja.

Din hija għażla tajba għall-istudenti mingħajr sussidju għaliex akkomodazzjoni u ikel hija bla ħlas jingħata mil-lukandi msieħba. Inti trid tirreġistra, tagħżel waħda mis-17-il lingwa offruti u timla l-applikazzjoni onlajn. Is-servizzi ta'Animafest huma kollha bla ħlas.

## Il-preparazzjoni tad-dokumenti għall-applikazzjoni

Id-dokumenti li ġejjin huma l-aktar li huma bżonjużi u użati għall-applikazzjonijiet:

- L-Ittra ta' Applikazzjoni u l-Ittra ta' Akkumpanjament
- Is-CV Ewropass (bil-Passaport tal-Ħiliet Ewropej mehmuż – fakultattiv)
- L-Ittra ta' Motivazzjoni

Jekk tingħażel għal sussidju f'Erasmus+, aktarx jgħidulek biex timla applikazzjoni tal-istituzzjoni f'pajjiżek u tehmeż is-CV Ewropass u l-ittra ta' Motivazzjoni.

## L-Ittra ta' Applikazzjoni u L-Ittra ta' Akkumpanjament

Madankollu, jekk qiegħed tfittex taħriġ f'post tax-xogħol internazzjonali waħdek, se tkun mistenni tikteb Ittra ta' Applikazzjoni (Ittra ta' Akkumpanjament) lil dak li jista' jkun se jħaddmek. L-għan ewlieni tal-Ittra ta' Akkumpanjament hija li tikkonvinċi lil min jirċievi l-ittra biex jaqra s-CV (u dak li tehmeż magħha). Trid tkun ċara, konċiża u tasal għall-punt. L-aktar punti importanti li għandek issegwi huma:

- Indirizza l-ittra lill-persuna li trid tikkuntattja li isimha jidher fuq l-avviż tal-internship jew fuq il-paġna tal-internet tal-organizzazzjoni li qiegħda toffri l-internships
- Semmi l-pożizzjoni meħtieġa u r-riżorsa tal-avviż fl-*introduzzjoni* tiegħek
- Fassal il-kitba tal-ittra skont id-deskrizzjonijiet u l-ħtiġijiet mitluba fl-avviż billi tikteb fil-qasir informazzjoni interessanti dwar il-karriera u twassal lil min qiegħed jaqra għas-CV tiegħek.

Tista' ssib aktar għajnuniet, eżempji u informazzjoni utli dwar kif tikteb l-ittri ta' akkumpanjament fuq: https://owl.english.purdue.edu/owl/resource/549/1/

## Is-CV Ewopass

Il-Curriculum Vitae (CV) Ewropass hija l-aktar magħrufa u l-aktar dokument użat fl-Ewropa biex tippreżenta l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-kwalifiki tiegħek b'mod effettiv u ċar. Jekk issegwi l-link hawn taħt tista' ssib istruzzjonijiet biex toħloq is-CV Ewropass tiegħek. Hemm mudelli u eżempji ta' CVs f'kull lingwa tal-UE. Tista' jew tniżżel jew toħloq is-CV onlajn, li tista' tirranġaha kull meta jkollok kwalifika jew ħiliet ġodda.
https://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae
L-aħjar li tistudja sew l-istruzzjonijiet u tara l-eżempju tas-CV qabel ma tibda toħloq CV Ewropass onlajn.

## Il-Passaport tal-Ħiliet Ewropej

Il-Passaport tal-Ħiliet Ewropej (ESP) huwa portafoll elettroniku li jgħinek tiddokumenta l-ħiliet u l-kwalifiki biex tagħti stampa aktar ċara tal-kompetenzi professjonali tiegħek.

Billi toħloq L-ESP tiegħek onlajn, tista' tiġbor dokumenti bħal:

- Il-Europass Mobility Pass
- Il-Passaport tal-Lingwa
- Is-Suppliment taċ-ċertifikati
- Kopji tal-lawriji jew ċertifikati
- Ittri ta' referenza eċċ

u tehmiżhom mas-CV Ewropass tiegħek.

Barra minn hekk, il-Passaport tal-Ħiliet Ewropej tista' tirranġah b'mod regolari.
https://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/european-skills-passport

## L-Ittra ta' Motivazzjoni

L-Ittra ta' Motivazzjoni hi soltu meħtieġa mill-organizzazzjoni li se tilqgħek fil-pajjiż tal-Erasmus+. Din ġeneralment tintbagħat flimkien mas-CV Ewropass, li tagħti informazzjoni bażika dwar l-edukazzjoni, l-esperjenza ta' xogħol u ħiliet tiegħek.
Barra minn hekk, l-Ittra ta' Motivazzjoni tagħti lill-kordinatur li se jirċeviha, u lil min se jħaddmek barra, informazzjoni importanti dwar dak li qiegħed tistenna, ir-raġunijiet/ motivazzjoni għaliex trid tagħmel din l-esperjenza barra, il-post fejn tixtieq taħdem u xi ħiliet professjonali u lingwistiċi li huma relevanti għal dan il-post tax-xogħol. Tgħin ukoll lill-kordinatur (meta dan ma jkunx l-istess kordinatur tal-Pajjiż li se tmur fih) biex jagħżel post tax-xogħol tajjeb minn fost ħafna kumpaniji billi jqabbel il-profil tiegħek mal-offerta tal-post tax-xogħol. Għalhekk, meta tikteb żomm f'moħħok il-kwalità aktar mill-kwantità.
Imxi mal-link hawn taħt biex issib għajnuniet u mudell ta' testi għall-ittri ta' motivazzjoni:
http://motivationalletter.com/motivational-letter-template-for-an-internship/
https://www.euba.sk/fakulty/fakulta-aplikovanych-jazykov/preview-file/Letter_of_Motivation-9199.pdf

## Il-kuntatt mal-organizzazzjoni li se tħaddmek

Jekk qiegħed tipprova ssib post tax-xogħol waħdek, tista' tikkuntattja persuni li jistgħu jħaddmuk billi tibgħat ittra biex tistaqsi, ittra ta' applikazzjoni jew messaġġ b'ittra elettronika. Ladarba kumpaniji tajbin li joffru x-xogħol jirċievu mijiet ta' ittri elettroniċi/ ittri tkun għażla tajba jekk iċċempel u tkellem lil dik il-persuna li tieħu ħsieb il-postijiet tax-xogħol internazzjonali. Dan jaf ikollu effett aħjar mis-CV bid-dokumenti mehmużin.
Jekk tkun ippreparat tajjeb, it-telefonata tiegħek tista' tittieħed bħala sinjal ta' inizjattiva personali, motivazzjoni, entużjażmu u kunfidenza personali min-naħa tiegħek

Min-naħa l-oħra, tista' tkun mitlub tagħmel intervista bit-telefown anke jekk inti parteċipant tal-Erasmus+. Xi kumpaniji jippreferu li jieħdu l-ewwel impressjoni dwar l-apprendist li se jkollhom permezz ta' konverżazzjoni personali. Jekk ikollok telefonata bħal din, staqsi lil min se jintervistak biex iċċempillu lura, aktar milli twieġeb mill-ewwel. B'hekk ikollok ftit ħin biex tipprepara aħjar.
Tista' ssib ħafna għajnuniet, strateġiji u mudell ta' mistoqsijiet għall-intervisti bit-telefown fuq il-paġna tal-internet li ġejja:
http://internships.about.com/od/interviewing/a/phoneinterviews.htm

## Il-Preparazzjoni

**L-għażla tal-pajjiż fejn sejjer taħdem u l-organizzazzjoni li ser tilqgħek**

Bħala parteċipant tal-Erasmus+ li ser issiefer ser tkun kapaċi tagħżel minn pajjiżi msieħba rispettivament organizzazzjonijiet imsieħba mal-istituzzjoni f'pajjiżek.

Ħafna mill-kulleġġi, b'mod partikolari il-kulleġġi vokazzjonali, għandhom deskrizzjonijiet tal-kriterji li jridu jilħqu l-istudenti tagħhom waqt li jagħmlu xogħol prattiku barra mill-kulleġġ li japplika wkoll għal taħriġ fuq post tax-xogħol internazzjonali. Ladarba t-TPXI tiegħek huwa parti mill-programm ta' studju tiegħek, huwa importanti li tagħżel l-organizzazzjoni li ser tilqgħek li tista' toffrilek xogħol skont il-ħtiġijiet tal-istituzzjoni f'pajjiżek (it-tul tal-esperjenza ta' xogħol, il-kontenut/xogħlijiet tal-programm ta' taħriġ u/jew kretti ECTS). Dan huwa importanti ħafna għall-evalwazzjoni u regolamenti tal-esperjenza tax-xogħol internazzjonali li ser tagħmel fil-programm ta' studju tiegħek.

Biex tkun taf aktar dwar it-Trasferiment tal-Kretti Ewropew u s-Sistema Akkumulattiva (ECTS) żur:
http://ec.europa.eu/education/tools/ects_en.htm

Il-kordinatur tat-TPXI se jgħinek kif tqabbel l-aspettazzjonijiet personali u l-għanijiet u l-kriterji tal-iskola/università tiegħek mal-postijiet tax-xogħol offruti mill-organizzazzjonijiet imsieħba.
Jekk qiegħed tippjana t-TPXI tiegħek waħdek, ġib l-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet imsemmija hawn fuq mingħand il-persuna responsabbli għat-taħriġ fix-xogħol fl-istituzzjoni f'pajjiżek, u inkludi l-"pakkett" minimu ta' dawn il-kriterji fl-Ittra ta' Applikazzjoni tiegħek. B'dan il-mod, min se jħaddmek barra, dak li qiegħed tindirizza, ser ikun jaf x'tip ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol qiegħed tfittex.

Inti jew m'intix parteċipant tal-Erasmus+, kun żgur li l-Ftehim tat-Tagħlim, b'deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol, it-tul tat-taħriġ fuq ix-xogħol u l-kretti ECTS li jingħataw (jekk japplikaw), ikun iffirmat mit-tliet partijiet (l-organizzazzjoni li ser tibagħtek, l-organizzazzjoni li se tieħu ħsiebek barra u inti) qabel ma tagħmel arranġamenti fissi biex inti toqgħod barra.

## Arranġamenti għall-akkomodazzjoni

L-organizzazzjonijiet li jibagħtu lill-parteċipanti fl-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali sekondarju s-soltu joffru s-sapport kollu lill-parteċipanti tal-Erasmus+ li jkunu magħżula u jinkludu wkoll l-arranġamenti għall-akkomodazzjoni. Fl-edukazzjoni terzjarja, il-livell tas-sapport tal-kordinatur fl-organizzazzjoni u l-preparazzjoni għaċ-ċaqliq minn pajjiż għall-ieħor huwa differenti minn istituzzjoni għall-oħra.
Jekk mistenni li ssib l-akkomodazzjoni inti, tista':

- tistaqsi lill-organizzazzjoni li ser tilqgħek biex tgħinek issib post fejn toqgħod jew jibagħtulek links b'reklami ta' akkomodazzjoni li jkunu ta' għajnuna; kumpaniji ikbar jistgħu jkollhom appartamenti li jikru lill-ħaddiema tagħhom – iċċekkja din l-għażla, wkoll

- tistaqsi lill-kordinatur tat-taħriġ fil-post tax-xogħol barrani għall-informazzjoni fejn tista' tikkuntattja l-parteċipanti ta' qabel li lestew it-taħriġ tagħhom fil-post tax-xogħol fl-istess pajjiż
- tikkuntattja skola lokali, università fil-pajjiż fejn sejjer jew assoċjazzjoni tal-istudenti (eż AIESEC, AEGEE, ESN) biex tistaqsi għall-għajnuna biex issib akkomodazzjoni tajba
- fittex fir-riżorsi fuq l-internet (paġni fuq l-internet u/jew paġni tal-istudenti) bħal:
  http://europa.eu.int/ploteus/portal/home.jsp
  http://www.casaswap.com
  (Netwerk ta' akkomodazzjoni internazzjonali għal Żgħażagħ u Studenti)
- oqgħod f'ħostel għall-ewwel ftit jiem jekk ma tistax issib akkomodazzjoni tajba qabel tasal. Ara s-suq tad-djar u staqsi lin-nies tal-post li jistgħu jiggwidawk għal postijiet b'notice boards li juru postijiet ta' akkomodazzjoni, jew jistgħu isemmulek lil xi propretarju tal-kera



Ipprova sib post fejn toqgħod fl-istess inħawi fejn tinsab l-organizzazzjoni li ser tilqgħek. Jekk ma jirnexxilekx, iċċekkja li għandek aċċess tajjeb għat-trasport pubbliku.
Meta tibbukkja minn pajjiżek jew permezz tal-kompjuter, dejjem staqsi għal konferma bil-miktub u ħudha miegħek fil-pajjiż fejn sejjer. Iċċekkja jekk tridx tħallas xi depożiti mal-wasla (eż depożitu minħabba l-ħsarat). Din hija xi ħaġa komuni meta tikri kamra jew appartament.

## Arranġamenti għas-safar

Meta tibda tippjana s-safra tiegħek lejn il-pajjiż barrani fejn sejjer taħdem:

1. Ikseb informazzjoni kemm tista' dwar għażliet ta' safar lejn il-pajjiż li sejjer taħdem fih:

- Staqsi lill-kordinatur tat-TPXI għall-għajnuna jekk il-vjaġġ huwa organizzat mill-organizzazzjoni li qiegħda tibagħtek
- Staqsi lill-parteċipanti li diġà kellhom din l-esperjenza biex jagħtuk parir dwar fejn tista' tfittex għall-aħjar għażliet tas-safar u għal kuntatti u links li jgħinuk biex tixtri biljetti irħas
- Iċċekkja u qabbel l-offerti tal-aġenziji tas-safar

- Fittex għal offerti ta' ivvjaġġar minn fuq l-internet. Xi links hawn taħt jistgħu jgħinuk:




http://www.lonelyplanet.com
http://cityguide.travel-guides.com
Kumpaniji tal-ajru irħas:
http://www.whichbudget.com
www.ryanair.com
www.easyjet.com
Konnessjonijiet tal-karozzi tal-linja:
http://www.eurolines.com
Blogs tas-safar:
http://www.wearerealtravel.com/blog
Informazzjoni dwar tilqim tas-safar:
http://www.netdoctor.co.uk/travel/vaccines_index.shtml

2. Ibbukkja l-biljett tas-safar minn qabel, u staqsi dwar kemm-il bagalja tista' tieħu, u jekk hix inkluża fil-biljett (kumpaniji tal-ajru irħas jiċċarġjaw ħlas żejjed għal kull bagalja, skont il-piż tagħha). Jekk tibbukkja onlajn, issejvja u pprintja l-e-ticket (il-biljett).
3. Jekk għandek f'moħħok li tivvjaġġa b'tal-linja jew bil-ferrovija, iċċekkja jekk hemmx xi skont għall-istudenti u liema dokument għandek bżonn tippreżenta biex tieħu dan l-iskont, eż il-karta tal-identità internazzjonali tal-istudent (International Student Identity Card) (ISIC) jew il-karta tal-assoċjazzjoni tal-istudenti (Student Association Card) minn pajjiżek.
4. Ħu mappa tal-post fejn ser tkun qiegħed fil-pajjiż barrani, u iċċekkja l-għażliet li għandek dwar kif tasal mill-ajruport/il-venda tal-karozza tal-linja jew l-istazzjon tal-ferrovija għall-post fejn ser tkun qiegħed sakemm tkun qiegħed taħdem.

## Dokumenti

### Passaport validu/ID

Iċċekkja l-validità tad-dokumenti personali hekk kif tiffissa d-dati tat-TPXI tiegħek. Xi pajjiżi jenħtieġu 6 xhur validità tal-passaport. Iċċekkja l-ħtiġijiet ta' validità għad-dokumenti għall-pajjiż li sejjer fih kmieni biżżejjed biex joħorġu fil-ħin qabel ma ssiefer. Ta' min tagħmel kopja tal-passaport/ID u żżommha separata. F'każ ta' serq jew telf tad-dokumenti personali, il-kopja tagħmel il-proċedura fl-għassa tal-pulizija u fl-ambaxxata tiegħek ħafna aktar faċli u iqsar.
Fittex l-ambaxxata tiegħek fil-pajjiż fejn sejjer fuq: http://www.embassyworld.com/

### Il-karta ta' kreditu (Credit card)

Mhux tal-parir li ġġorr ħafna flus miegħek. Barra minn hekk il-karti ta' debitu ma jaħdmux kullimkien. Il-karta ta' kreditu hija aktar faċli biex iżżommha sigura. Din tagħtik il-possibilità li tieħu ammonti ta' flus żgħar mill-bank ftit ftit u tista' tkun ta' għajnuna meta tkun f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

**Il-karta tal-identità internazzjonali tal-istudent (International Student Identity Card) (ISIC)**
Tista' tiffranka l-flus meta tippreżenta din il-kard int u tixtri biljetti tad-dħul għall-mużewijiet, galleriji jew meta tmur għal xi avvenimenti kulturali.
Segwi l-link biex tikseb aktar informazzjoni: http://www.isic.org/

**Il-Visa u l-permess tax-xogħol**
Iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea UE ma għandhomx bżonn visas u permessi tax-xogħol għal kull TPXI fl-Ewropa.
Għal informazzjoni aktar dettaljata u aspettazzjonijiet segwi il-link:
http://europa.eu/youreurope/citizens/residence/documents-formalities/index_en.htm
Għall-visas madwar id-dinja kollha:
http://www.anyworkanywhere.com/visainfo.html

**Il-kard tal-assigurazzjoni tas-saħħa Ewropea (European Health Insurance Card) (EHIC)**
Meta tuża din il-kard, inti intitolat għal kull trattament mediku li ma jistax jistenna sakemm tiġi lura f'pajjiżek. Inti għandek l-istess drittijiet għall-kura tas-saħħa bħall-persuni assigurati fil-pajjiż fejn qiegħed.
Għal aktar informazzjoni dwar kif takkwistaha u tużaha segwi dan il-link:
http://europa.eu/youreurope/citizens/health/unplanned-healthcare/temporary-stays/index_en.htm

**Kard/Polza tal-assigurazzjoni**
Meta tivvjaġġa jew toqgħod barra, għandek tagħmel assigurazzjoni għal sitwazzjonijiet li mhumiex koperti mill-kard tal-assigurazzjoni tas-saħħa Ewropea (European Health Insurance Card), bħal assigurazzjoni ta' terzi, li tirregola ħsarat li inti responsabbli tagħhom (pereżempju tista' tkisser oġġett li jiswa l-flus jew tweġġa' persuna waqt ix-xogħol). Segwi l-link għal xi informazzjoni bażika:
http://www.work-and-travel-insurance.com/travel-insurance/insurance-options/
Ikkuntattja lill-fornitur tal-assigurazzjoni nazzjonali għal għażliet u dettalji relatati mal-pajjiż fejn sejjer.



**Portafoll ta' Taħriġ fil-Post tax-Xogħol Internazzjonali (Portafoll TPXI)**
Il-portafoll tat-TPXI kien iddisinjat biex jgħinek tiġbor u żżomm id-dokumenti importanti bid-dejta u l-materjali relatati max-xogħol tiegħek f'fowlder tiegħek.
Imla l-partijiet relevanti qabel ma titlaq (eż informazzjoni personali, l-informazzjoni tal-organizzazzjoni li qiegħda tibagħtek, l-informazzjoni tal-kumpanija li qiegħda tħaddmek eċċ) u żid dokumenti bħal CV Ewropass, Ittra ta' Motivazzjoni eċċ fil-Portafoll.
Kompli imla l-Portafoll tat-TPXI waqt li tkun fuq il-post tat-taħriġ billi tlesti l-informazzjoni li għandek nieqsa dwar il-kumpanija li qiegħda tħaddmek (eż l-ismijiet u l-informazzjoni tal-konsulent tiegħek u sħabek, l-iskeda tax-xogħol) u ibda iġbor materjali żejda għall-Portafoll bħal fuljetti, istruzzjonijiet, preżentazzjonijiet, ritratti eċċ. Qabel ma titlaq mill-pajjiż li qiegħed taħdem fih kun żgur li ġbart id-dokumenti kollha (ittimbrati u iffirmati) mill-kumpanija li qiegħda tħaddmek u li huma meħtieġa mill-istituzzjoni f'pajjiżek biex tagħraf iż-żmien li għamilt imsiefer b'taħriġ fix-xogħol u żidhom fil-Portafoll. Il-Portafoll tat-TPXI se jkun ta' għajnuna kbira biex tikteb ir-rapporti finali u/jew preżentazzjonijiet dwar it-taħriġ fix-xogħol. Jista' jkun ippreżentat ukoll bħala hemża mas-CV meta tapplika għal xogħol li jeħtieġ esperjenza internazzjonali.

**Kuntatti**
Trid tkun ċert li l-Ftehim tat-Tagħlim (Ftehim ta' Taħriġ) ikun iffirmat mill-partijiet kollha involuti.

## Il-Finanzjament

Huwa importanti ħafna li tikkalkula l-ispejjeż relatati mat-taħriġ internazzjonali b'mod realistiku biex tevita l-problemi waqt iż-żmien li ser tagħmel imsiefer.
Jekk kont magħżul mill-istituzzjoni f'pajjiżek għas-sussidju tal-Erasmus+, il-kwistjonijiet finanzjarji jitranġaw mill-kordinatur li jibagħtek. Huwa jagħtik ukoll informazzjoni dwar l-affarijiet li jkopri s-sussidju u l-ammont li bejn wieħed u ieħor għandek bżonn għal spejjeż oħra, li tħallas inti.
Jekk ma għandekx sussidju għandek tikkunsidra għażliet oħra għal kofinanzjament. Tista':

- tfittex kumpanija li tilqgħek u li tipprovdilek akkomodazzjoni u ikel bla ħlas, tagħtik salarju/ftit flus (pocket money) jew it-tnejn,
- fittex għal sussidji nazzjonali li jgħinu għas-safar
- ikkuntattja lill-istudenti li diġà ħadmu fil-pajjiż fejn sejjer u staqsihom kemm daħħlu flus u kemm nefqu (ara l-links fil-kapitlu Applikazzjoni għal din il-gwida)
- staqsi lill-ġenituri/min jiġi minnek biex jgħinuk finanzjarjament jew
- sib xogħol part-time biex taqla' ftit flus.

Programme d'éducation et de formation tout au long de la vie

Methods www.languages.dk

Agħmel il-pjan finanzjarju tiegħek billi timla fil-kaxxi li jaqblu fit-tabelli hawn taħt.

**Il-Pjan Finanzjarju**

| L-Ispejjeż | QABEL | | | WARA |
|---|---|---|---|---|
| | Stima tal-ispejjeż | Kofinanzjament | Kontribuzzjoni tiegħek | Spejjeż reali |
| L-Ivvjaġġar | | | | |
| **lejn il-pajjiż fejn sejjer (il-biljetti bir-ritorn)** | | | | |
| - il-vjaġġ bl-ajru | | | | |
| - tal-linja jew ferrovija | | | | |
| - assigurazzjoni jekk jitħassar il-vjaġġ | | | | |
| **fil-pajjiż fejn sejjer** | | | | |
| - l-ivvjaġġar lejn ix-xogħol | | | | |
| Akkomodazzjoni | | | | |
| - Il-familja li ser tilqgħek | | | | |
| - Kamra/appartament/appartament maqsum ma' ħaddieħor | | | | |
| Il-preparazzjoni lingwistika u kulturali | | | | |
| - kors tal-lingwa fil-pajjiż fejn sejjer | | | | |
| - żjarat (prezz ta' dħul eċċ) | | | | |
| - avvenimenti soċjali u kulturali | | | | |
| Assigurazzjoni | | | | |
| - assigurazzjoni tas-saħħa | | | | |
| - assigurazzjoni tar-responsabbiltà ta' terzi | | | | |
| - assigurazzjoni ta' inċidenti (għajnuna medika urġenti) | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| - ikel u xorb<br>- soċjalizzazzjoni, attivitajiet fil-ħin liberu eċċ. | | | | |
| TOTAL | | | | |

| Dħul | Ammont li għandek bżonn | Ammont li għandek |
|---|---|---|
| Sussidji | | |
| - Sussidju Erasmus+ | | |
| - Sussidju Nazzjonali | | |
| Tifdil personali | | |
| Kontribuzzjoni tal-ġenituri | | |
| Dħul mill-kumpanija li se tilqgħek (salarju/ pocket money, kumpens għas-safar) | | |
| TOTAL | | |

## Il-preparazzjoni lingwistika

Jekk ma titkellimx bil-lingwa tal-pajjiż barrani li għażilt, aktarx tuża l-Ingliż biex tikkomunika fil-ħajja ta' kuljum u fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk, għandek toqgħod attent għall-vokabularju professjonali (lingwa relatata mal-post tax-xogħol) li hija ta' importanza kbira biex tifhem ix-xogħlijiet u l-ħtiġijiet fil-post tax-xogħol tiegħek. Hawnhekk għandek xi ftit suġġerimenti dwar kif tipprepara għal komunikazzjoni tajba:

- Staqsi lill-għalliema tal-Ingliż għall-għajnuna: hi tkun tista' tagħtik materjal żejjed u links għal riżorsi fuq l-internet jew tgħinek fil-ħiliet tal-lingwa
- Uħud mill-istituzzjonijiet li jibagħtu lill-istudenti, b'mod partikolari dawk fl-edukazzjoni vokazzjonali sekondarja u taħriġ (VET) jorganizzaw il-preparazzjoni lingwistika f'pajjiżhom jew fil-pajjiż barrani għall-grupp ta' parteċipanti – staqsi lill-kordinatur tat-TPXI dwar din l-għażla
- Fittex għall-materjali/korsijiet bla ħlas minn fuq l-internet – segwi l-links hawn taħt biex issib ftit eżempji:

http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/online-linguistic-support_en.htm
Għajnuna fil-lingwa fuq l-internet bla ħlas, eżerċizzji fuq l-internet, aħbarijiet eċċ għal 6 lingwi: Ingliż, Ġermaniż, Spanjol, Franċiż, Taljan u Olandiż (li jidhru fil-programm Erasmus+).

www.vocalproject.eu
Għajnuna bla ħlas għal kors onlajn fl-Ingliż magħqud ma' 12-il lingwa (Bulgaru, Ingliż, Finlandiż, Franċiż, Galliku, Ġermaniż, Ungeriż, Taljan, Litwan, Portugiż, Slovakk, Spanjol u Svediż), inkluż 5 topiks ewlenin: Akkomodazzjoni, Ivvjaġġar, Emerġenzi, Soċjalizzazzjoni, Xogħol. Kull test u eżerċizzju huwa mgħejjun permezz tal-awdjo u jinkludi wkoll informazzjoni kulturali f'forma ta' AGĦMEL u TAGĦMILX.

www.eurocatering.org
Kors bla ħlas għall-kejtering u s-settur tal-lukandi fi 11-il lingwa b'eżerċizzji b'għajnuniet awdjo-viżivi, dizzjunarju professjonali, filmati b'komunikazzjoni mhux verbali, informazzjoni kulturali u Portafoll b'listi ta' evalwazzjoni personali.



http://www.rsgo.eu
Pakketti għall-e-learning għal-lingwa u l-preparazzjoni kulturali għat-taħriġ fix-xogħol barra mill-pajjiż fl-Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Spanjol, Svediż, Tork, Taljan li jkopri dawn it-taqsimiet: lukandi, fran, restoranti u vetturi.
Il-materjal jgħaqqad vokabularju professjonali u ġenerali flimkien ma' gwida kulturali u informazzjoni fuq il-kultura tax-xogħol.

http://www.vocal-medical.eu
Materjal għat-tagħlim tal-lingwa għall-komunikazzjoni fis-settur tas-saħħa.

www.languagesforwork.eu
Kors tal-lingwi fuq l-internet bla ħlas dwar il-qasam tat-traffiku bl-Ingliż, Finlandiż, Kroat u Slovakk bl-għajnuna ta' eżerċizzji awdjoviżivi li jkopru sitwazzjonijiet li ta' spiss joffru problemi fit-triq f'4 taqsimiet: Inċidenti, Ħsarat, Orjentazzjoni fil-belt u Mwaqqaf mill-pulizija.




http://www.becult.org
Għodda abbażi tal-web għall-għajnuna kulturali, lingwistika u professjonali għat-taħriġ fix-xogħol barra f'lukanda jew fis-settur tal-kejtering.

Huwa importanti ħafna wkoll li tieħu l-opportunità biex titgħallem ftit affarijiet bażiċi fil-lingwa bħal tislijiet, numri, espressjonijiet tal-ħin, frażijiet utli biex tirringrazzja, titlob skuża, tispjega li ma fhimtx xi ħaġa eċċ. Sħabek il-ħaddiema, u n-nies tal-lokal li tista' tkun f'kuntatt magħhom, jieħdu gost bl-isforzi tiegħek u jgħinuk ittejjeb il-ħiliet fil-lingwa. Il-motivazzjoni tiegħek biex titgħallem il-lingwa tal-pajjiż fejn sejjer tirrifletti ir-rispett tiegħek lejn in-nies u turi li inti konxju tal-importanza li takkwista mhux biss il-ħiliet professjonali imma interkulturali u multilingwi wkoll.

## Il-preparazzjoni kulturali

**Il-ġbir tal-informazzjoni tal-pajjiż fejn sejjer**

Huwa importanti ħafna li tkun infurmat tajjeb dwar il-pajjiż fejn sejjer mil-lat interkulturali, li tkun kapaċi tifhem tajjeb u tadatta għal mod differenti kif tgħix u taħdem. L-esperjenza tax-xogħol internazzjonali tiegħek se tkun suċċess jekk inti tkun ippreparat tajjeb u taf kif taġixxi meta tiġi wiċċ imb wiċċ ma' differenzi kulturali.
Huwa importanti ħafna li tkun infurmat dwar il-politika kurrenti, reliġjon u sitwazzjonijiet soċjali fil-pajjiż fejn sejjer. Il-preparazzjoni għandha tinkludi dawn it-topiks:

- Tagħti x-xewqat lin-nies (xewqat formali u informali, komunikazzjoni mhux verbali bħal meta tieħu b'idejn il-persuna, tbus eċċ)
- Tindirizza lin-nies (formali, informali; frażijiet puliti – tintroduċi lilek innifsek, tiskuża ruħek, tirringrazzja eċċ)
- Tissoċjalizza u 'sigurtà' (postijiet popolari, postijiet li għandek tevita, topiks li huma tabù eċċ)
- Id-drawwiet tal-ikel (ħin, ikel tradizzjonali u xorb)
- Festi nazzjonali
- Is-servizz nazzjonali tas-saħħa (assistenza medika, inċidenti u emerġenza) il-Kard tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Ewropea (ara http://europa.eu/eu-life/healthcare/index_en.htm#50
- Lingwa/lingwi uffiċjali u l-flus
- Dokumenti essenzjali (visa, permess tax-xogħol eċċ)

Biex tikseb din l-informazzjoni tista':

- tixtri gwida turistika tal-pajjiż fejn sejjer
- tkellem ma' min diġà mar hemm (parteċipanti li diġà marru mill-iskola/istituzzjoni tiegħek)
- fittex mir-riżorsi tal-internet

Ladarba l-metodi ta' hawn fuq jistgħu jieħdu ħafna ħin, metodu aktar faċli u li jieħu inqas ħin biex issib ftit informazzjoni huwa minn dawn il-links:
http://europa.eu/about-eu/countries/index_en.htm
Dan huwa portal tal-Unjoni Ewropea b'informazzjoni importanti tal-membri stati u l-pajjiżi kandidati tal-Unjoni Ewropea. Membri taż-żoni Schengen (ivvjaġġar mingħajr passaport) u links għal aktar riżorsi ta' informazzjoni (eż drittijiet tal-istudenti residenti għal perjodi differenti biex jibqgħu barra eċċ).

http://www.infoplease.com/countries.html
F'din il-websajt, il-profili tal-pajjiż huma strutturati wara xulxin skont l-alfabett. Kull profil ta' kull pajjiż jagħti informazzjoni dwar: ġeografija, mapep, bnadar, storja, il-mexxej ta' dik is-sena, żona, popolazzjoni, il-kapitali, il-bliet il-kbar, il-lingwi, ir-razza, ir-reliġjon, l-ekonomija u l-gvern.

Sit ieħor ta' għajnuna huwa l-websajt CIA World Factbook:
https://www.cia.gov/library/publications/the-world-factbook
Dan, bħal Infoplease, jagħti informazzjoni dettaljata dwar pajjiżi.

www.vocalproject.eu
Dan il-materjal bla ħlas li hu onlajn huwa bbażat fuq preparazzjoni għall-istudenti li jixtiequ jagħmlu taħriġ barra l-pajjiż u joffri ħiliet prattiċi fil-lingwa u kuxjenza kulturali relatata mal-postijiet fejn ser isir taħriġ vokazzjonali. Informazzjoni utli dwar kif tgħix u taħdem f'10 pajjiżi tal-UE huma strutturati taħt 5 topiks ewlenin (Safar, Akkomodazzjoni, Soċjalizzazzjoni, Emerġenza u Fuq ix-Xogħol) u akkumpanjati b'kors tal-lingwa megħjun mill-awdjo (ara aktar fil-kapitlu Preparazzjoni Lingwistika).

## Kif tikseb l-informazzjoni dwar l-intrapriża barranija

Meta tkun qiegħed tipprepara għat-taħriġ internazzjonali tiegħek, qatt ma għandek tassumi li fil-kumpanija barranija li se tilqgħek l-affarijiet se jsiru kif inti mdorri tagħmilhom f'pajjiżek. Ambjent tax-xogħol ġdid, u ħafna drabi grupp internazzjonali li taħdem miegħu, jirrappreżenta sfida anke jekk tkun midħla tal-kultura nazzjonali ta' dak il-pajjiż barrani. Il-problemi li jistgħu jinħolqu huma marbutin mal-politika interna, regolamenti, proċeduri u valuri tal-kumpanija barranija, jew kif nafuha l-kultura tal-kumpanija.
Huwa tal-parir li jkollok deskrizzjoni qasira tal-istruttura tal-kumpanija, il-ħaddiema, il-prodotti u s-servizzi. Ħafna minn din l-informazzjoni tista' tkun aċċessata mis-sit uffiċjali tal-kumpanija. L-iskop ta' din il-preparazzjoni huwa biex tevita sorpriżi, diżappunti u/jew nuqqas ta' ftehim mill-bidu nett. Madankollu, l-aktar taħriġ interkulturali intensiv jibda mill-ewwel ġurnata tiegħek fil-kumpanija (aqra aktar f'L-Ewwel Kuntatti fil-kapitlu li jmiss).

# WAQT IT-TAĦRIĠ PRATTIKU

Hu tal-parir li tasal fil-belt fejn se taħdem ftit ġranet qabel tibda t-TPXI tiegħek, tissetilja, tidra l-ambjent ġdid u tipprepara għall-ewwel ġurnata fil-kumpanija barranija. Tinsiex tirranġa l-affarijiet amministrattivi li huma importanti bħal tirreġistra kemm se ddum fil-pajjiż fl-għassa tal-pulizija, tiftaħ kont il-bank u ġġib kard tat-taxxa jekk il-kumpanija se tħallsek għat-taħriġ. F'każ li ma ġibtx l-informazzjoni relevanti, tista' tistaqsi lill-kordinatur tiegħek fil-kumpanija barranija biex jgħinek.

## L-ewwel kuntatti

F'ħafna mill-kumpaniji, fl-ewwel ġurnata tiġi organizzata laqgħa ta' introduzzjoni għall-istudenti internazzjonali biex jiġu introdotti l-kumpanija, il-kordinatur/i u l-organizzazzjoni tat-taħriġ prattiku. Ħafna drabi jingħata sommarju miktub bl-informazzjoni dwar il-post tax-xogħol. Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, l-ewwel konverżazzjoni mal-kordinatur hija l-aħjar opportunità biex ikollok it-tweġibiet dwar xi punti importanti. Il-listi li jmiss jistgħu jkunu ta' għajnuna:
http://internship2industry.eu/tools/M2_2.1_D1_Checklist_for_the_Trainee-Introduction_to_the_Company.pdf

http://www.euroapprenticeship.eu/img_base/toolbox/n37-checklist-for-the-trainee-introdcution-to-the-company-en1.pdf (reġistrazzjoni bla ħlas hija neċessarja biex taċċessa l-paġna fuq l-internet)

Għandek tkun konxju li l-ewwel impressjoni hija l-aktar waħda importanti – ħafna mill-persuni li jħaddmu/kordinaturi jiddeċiedu skont il-personalità, il-kwalità u l-potenzjal tiegħek waqt l-ewwel laqgħa wiċċ imb wiċċ. Importanti li jkollok apparenza tajba u kun ippreparat:

- biex tagħti introduzzjoni qasira tiegħek innifsek u ta' dak li qiegħed tistenna
- biex tieħu nota tal-punti importanti li jispjegawlek biex b'hekk turi motivazzjoni ħalli tadatta għar-regoli interni tal-kumpanija

L-istess japplika meta tiltaqa' mal-kollegi għall-ewwel darba. Jista' jkollhom regoli mhux miktuba relatati mal-organizzazzjoni tal-ġurnata tax-xogħol (eż l-ewwel persuna li tasal tagħmel il-kafè, l-ikel u x-xorb li jinqasam eċċ). Jekk m'intix ċert fuq xi ħaġa, tassumix imma staqsi.

## X'tagħmel meta jkollok il-problemi

Rapporti minn parteċipanti li diġà marru għal din l-esperjenza juru li kważi kull persuna f'taħriġ ikollha sitwazzjonijiet problematiċi waqt it-taħriġ. Ħafna affarijiet jistgħu jmorru ħażin, eż waqt it-taħriġ tista' tingħata xogħlijiet li ma kinux inklużi fl-Arranġament tat-Tagħlim, il-kollegi jista' ma jkollhomx qalbhom tajba u ma jkunux ta' għajnuna bħalma stennejt, eċċ. Huma x'inhuma, sitwazzjonijiet bħal dawn, għalkemm mhux pjaċevoli u joħolqu stress, jagħtuk l-opportunità biex tiżviluppa l-ħiliet tiegħek biex issolvi l-problemi. Huwa importanti li żżomm kalm, li tkellem ċar  imma b'mod edukat lill-persuna t-tajba (f'dan il-każ il-kordinatur tiegħek tal-kumpanija), biex issib kompromess bejn dak li qiegħed tistenna u r-realtà u biex titgħallem minn din l-esperjenza.
Segwi l-link biex issib sommarju ta' għajnuniet utli dwar dak li għandek tagħmel meta jkollok numru ta' problemi: http://internship2industry.eu/tools/what%20if.pdf

- Waħda mill-aktar problemi frekwenti barra mill-ambjent tax-xogħol hija li titlef il-passaport jew l-ID. Hemm żewġ passi importanti biex issolvi din il-problema:
- mur l-għassa tal-pulizija biex tirraporta li tlift l-ID tiegħek. Ħu miegħek il-kopja tad-dokument personali tiegħek (ara Preparazzjoni/Dokumenti) jew ikkopja l-informazzjoni personali mill-Portafoll tat-TPXI biex tgħaġġel il-proċess. Jekk ma titkellimx il-lingwa tal-pajjiż fejn qiegħed, itlob lil wieħed mill-kollegi biex jiġi miegħek u jgħinek fit-traduzzjoni
- ċempel lill-ambaxxata tiegħek fil-pajjiż fejn tinsab u staqsi dwar dak li għandek tagħmel (tista' ssib l-informazzjoni biex tikkuntattjahom fil-Portafoll tat-TPXI tiegħek (jekk imlejtu qabel ma tlaqt minn pajjiżek) jew fuq il-paġna: http://www.embassyworld.com

## Soċjalizzazzjoni

Għalkemm iddeċidejt għal TPXI biex tiggwadanja l-esperjenza barra, se jkollok biżżejjed ħin liberu biex issir taf il-pajjiż barrani u lin-nies. Is-soċjalizzazzjoni mal-kollegi barra mill-kumpanija u li tiltaqa' man-nies tal-lokal jagħtuk l-opportunità biex takkwista ammont kbir ta' tagħrif b'mod pjaċevoli. Il-ħbieb il-ġodda se jgħidulek dwar

avvenimenti kulturali u soċjali, l-aħjar postijiet li tara, l-aktar siti interessanti fejn tmur u ħafna aktar. Għalkemm jista' jkun li infurmajt ruħek dwar il-pajjiż barrani qabel ma mort u anke għamilt pjanijiet għal attivitajiet fil-ħin liberu, ma għandekx tinsa li jekk tqatta' ħin mal-persuni tal-lokal u tosserva kif iġibu ruħhom f'sitwazzjonijiet differenti se tieħu l-aħjar idea tal-kultura u t-tradizzjoni tal-pajjiż barrani. In-nies tal-lokal ikunu jafu u juruk postijiet li ma jkunux inklużi fil-gwidi tat-turisti. Ma għandekx għalfejn taqbel ma' kollox jew taċċetta kull opinjoni, imma għandek dejjem turi rispett lejn il-kultura ta' dawn il-persuni.




## It-titjib tal-ħiliet fil-lingwa u/jew it-tagħlim ta' lingwa ġdida

TPXI hija opportunità eċċellenti biex "Titgħallem (il-lingwa) billi tagħmel/tipprova", li hija partikolarment veru fuq il-post tax-xogħol minħabba l-għajnuna viżiva qawwija. Pereżempju, jekk ma tifhimx dak li jgħidulek tagħmel, il-kollega tiegħek jista' jgħinek billi jurik l-oġġett u jgħidlek x'inhu jew jurik azzjoni billi jurik l-azzjoni li tiddiskriviha. Barra minn hekk, tista' torbot nuqqasijiet fil-lingwa billi tuża l-għarfien tal-qasam professjonali u tipprova taħseb it-tifsira tal-kelma jew frażi f'sitwazzjoni li hi diġà magħrufa. L-aħjar ħaġa hi li titgħallem il-ħin kollu: waqt li taħdem, tixtri, tara, tattendi avvenimenti jew tissoċjalizza man-nies tal-lokal. Hawnhekk hawn ftit għajnuniet dwar dak li għandek tagħmel:

- staqsi mistoqsijiet lin-nies kull meta għandek bżonn xi informazzjoni
- tkellem kemm tista' ma' min iħaddmek
- oħroġ u issoċjalizza man-nies tal-lokal – uża kull opportunità biex tisma', titkellem u taqra bil-lingwa tal-pajjiż li qiegħed fih – irrispettivament mil-livell tiegħek – in-nies se japprezzaw il-motivazzjoni u l-isforzi li tagħmel biex titgħallem il-lingwa tagħhom
- identifika xi problemi fil-ħiliet tal-lingwa tiegħek (sitwazzjonijiet fejn għandek problemi bil-komunikazzjoni) u pprova sib riżorsi biex tirranġa
- ħu noti ta' kliem u frażijiet li jintużaw ta' spiss – oħloq id-dizzjunarju personali tiegħek

- żomm għajnejk miftuħin meta timxi fil-belt u uża l-għajnuna viżwali madwarek: kitbiet fuq il-bini u sinjali jew oġġetti fil-vetrini jgħinuk taħseb it-tifsira tal-kliem mingħajr dizzjunarju

Ħafna studenti jirrapurtaw li t-tagħlim tal-lingwa waqt it-taħriġ tax-xogħol qatt ma kien daqshekk faċli, sabiħ jew effiċjenti bħal ma hu b'dan il-mod.

### Il-ġbir tad-dokumenti

Ftit ġranet qabel titlaq, iċċekkja mal-kordinatur tal-post fejn sejjer, meta u fejn tista' tiġbor id-dokumenti relatati mal-post tax-xogħol fejn sejjer titħarreġ. Xi drabi l-kumpaniji li se jħaddmuk jibagħtuhomlok direttament għand l-organizzazzjoni li se tibagħtek – f'dan il-każ staqsi għal kopji u poġġihom fid-Dossier tal-Portafoll tat-TPXI tiegħek. Ftakar li l-esperjenza tax-xogħol internazzjonali tiegħek se tkun rikonoxxuta fl-istituzzjoni f'pajjiżek mid-dokumenti, għalhekk iċċekkja fil-ħin jekk id-dokumenti meħtieġa mill-istituzzjoni f'pajjiżek huma mimlija, iffirmati u ittimbrati mill-kumpanija barranija li ser tilqgħek. Jekk taħseb li xogħlok kien apprezzat u ta' fuqek kien sodisfatt bir-riżultati tiegħek, tista' tistaqsi għal ittra ta' rakkomandazzjoni.

## WARA T-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL

War li tmur lura d-dar, sib ħin biex tagħmel sommarju tal-impressjonijiet u l-esperjenzi li ħadt matul t-taħriġ fil-post tax-xogħol. Tiqafx hawn, iżda aqsam l-esperjenzi tiegħek mal-iskola, sħabek, ħbiebek, dawk li jimpjegawk u l-ambjent lokali tiegħek. Li jmissek tagħmel issa hu li:

1. Tikteb ittra ta' ringrazzjament lill-kumpanija li laqgħetek, il-kordinatur u/jew in-nies li għenuk matul it-taħriġ tiegħek fil-post tax-xogħol
2. Tiċċekkja x'inhu meħtieġ mill-istituzzjoni ta' pajjiżek u tipprepara d-dokumenti meħtieġa għar-rikonixximent tal-esperjenza tax-xogħol tiegħek barra fi ħdan il-programm tal-istudju tiegħek
3. Tikteb ir-rapport finali dwar it-taħriġ fil-post tax-xogħol tiegħek. Tista' tuża l-formula pprovduta mill-iskola tiegħek għal dan ir-rapport jew timxi mal-għajnuniet biex tagħmel waħda skont: http://internship2industry.eu/tools/HowToWriteFinalReport.pdf
4. Tkompli timla l-Portafoll tat-TPXI – iżżid l-ittra ta' ringrazzjament, ir-rapport finali, ritratti u materjal ieħor fil-fowlder.
5. Aqsam l-esperjenza tiegħek – din tista' tgħin parteċipanti oħra li biħsiebhom imorru fuq xogħol barra jiddeċiedu aktar malajr u/jew jippreparaw għal dan aħjar.
   Jekk twieġeb il-mistoqsijiet li kellek int stess qabel u matul it-taħriġ fil-post tax-xogħol, ir-rapport tal-esperjenza tiegħek ikun apprezzat immens minn studenti oħra li se jimxu mal-'għajnuniet tiegħek' u tal-kordinatur ukoll.
   Madankollu, li tagħti pariri prattiċi mill-esperjenza tiegħek hu aspett wieħed tal-qsim tal-impressjonijiet u l-għarfien ġdid tiegħek. Għandek ukoll tipprova tinforma dawk li potenzjalment jistgħu jħaddmu dwar kompetenzi interkulturali, professjonali u lingwistiċi akkwistati minn barra. Tista', pereżempju, tikteb fuq il-paġna tal-web

tal-iskola, Facebook jew Twitter, tagħmel preżentazzjonijiet lil sħabek tal-klassi, studenti u ħaddiema l-iskola tiegħek u l-pubbliku in ġenerali f'okkażjonijiet relevanti bħalma huma seminars dwar mobilità, eċċ.

6. Żomm kuntatt mal-kumpanija li laqgħetek – kultant ibgħat imejl lill-kordinatur tiegħek jew lil sħabek tax-xogħol jekk trid terġa' tagħmel taħriġ fil-post tax-xogħol jew ikollok impieg ma' din il-kumpanija fil-futur.

**LISTA TA' GĦAJNUNIET – STUDENTI (ara Appendiċi 1)** *toffri għajnuna addizzjonali billi tagħti ħarsa ħafifa lejn l-iktar xogħol importanti li jrid isir qabel, waqt u wara l-perjodu ta' taħriġ fil-post tax-xogħol.*

# IT-TIENI PARTI: PUNTI GĦALL-KORDINATURI

## Introduzzjoni

Din il-parti tal-gwida hija ddisinjata biex toffri għajnuna lill-kordinaturi ta' taħriġ fil-post tax-xogħol f'pajjiż barrani, u li jkollhom ftit jew xejn esperjenza fl-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' taħriġ bħal dan. Il-proċeduri li qegħdin jiġu ssuġġeriti japplikaw għall-kordinaturi kollha inkarigati minn taħriġ fil-post tax-xogħol f'pajjiż barrani, kemm jekk jaħdmu fl-organizzazzjoni li qiegħda tibgħat lill-istudenti, kif ukoll f'dik li qiegħda tilqagħhom.

Il-kelma **kordinatur** kif użata f'din il-gwida tirreferi għall-persuna responsabbli minn skambji ta' mobilità fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-iskop ta' taħriġ (jiġifieri esperjenza ta' tagħlim marbut ma' xogħol fil-ħajja ta' veru).

Ix-xogħol ewlieni tal-kordinatur huwa li jorganizza taħriġ fil-post tax-xogħol li jagħti lill-parteċipanti l-opportunità li jakkwistaw esperjenza professjonali prattika barra minn pajjiżhom, li jtejbu l-ħiliet tagħhom biex jikkomunikaw b'lingwa barranija (jew lingwi barranin), u biex jiżviluppaw kompetenzi interkulturali. Fi kliem ieħor, l-attivitajiet tal-kordinatur huma importanti ħafna għall-kwalità tal-mobilità u għas-suċċess tal-parteċipanti waqt l-esperjenza ta' tagħlim fil-post tax-xogħol, għaliex huwa jrid jagħti s-sapport tiegħu f'kull fażi tat-taħriġ fil-post tax-xogħol, inkluż fi kwistjonijet professjonali, f'materji relatati ma' komunikazzjoni u fl-immaniġġjar ta' konflitti.

Dan ma japplikax biss għall-kordinaturi tal-istituzzjonijiet li jibagħtu lill-istudenti, imma anke għal dawk li jilqgħuhom jew li jkunu qegħdin jaġixxu ta' organizzazzjonijiet intermedji, jiġifieri jkunu qegħdin jipprovdu taħriġ xieraq f'pajjiżhom, f'intrapriżi/kumpaniji li jospitaw lill-istudenti. Madankollu, hemm xogħol speċifiku li huwa tipiku għal kull wieħed miż-żewġ rwoli ta' kordinatur: dak li jibgħat lill-istudenti u dak li jilqagħhom.

# IL-KORDINATURI LI JIBAGĦTU L-ISTUDENTI

## QABEL IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL

### Kif issib 'partners' addattati biex jilqgħu studenti li jixtiequ jagħmlu esperjenza ta' taħriġ fil-post tax-xogħol

Partner tajjeb u ta' min joqgħod fuqu huwa kruċjali biex it-taħriġ fil-post tax-xogħol ikun suċċess. Hemm ħafna modi kif issib partner. Wieħed mill-aħjar modi biex issib partner li jkun kapaċi jirrispondi għall-bżonnijiet tal-parteċipanti fil-mobilità huwa li tikkuntattja organizzazzjoni intermedja/li tilqa' lill-istudenti, li jkollha esperjenza f'dan il-qasam u li jkollha riferenzi u network wiesa' ta' partners (intrapriżi u kumpaniji) li jospitaw lill-istudenti. Tista' tfittex għal organizzazzjonijiet bħal dawn billi tuża l-ħoloq li ġejjin:
http://www.euroapprenticeship.eu/en/home.html: *Database* għat-tiftix ta' *partners* - *database* ta' għodod, avvenimenti, informazzjoni relatata ma' mobilità għas-27 pajjiż tal-UE (kuntatti rilevanti, organizzazzjonijiet, programmi u inizjattivi, sorsi ta' informazzjoni);
http://www.europemobility.eu/: Katalgu tal-Komunità Internazzjonali tal-Kordinaturi tal-Mobilità, database ta' taħriġ akkreditat fil-post tax-xogħol, avvenimenti ta' tagħlim permezz ta' mobilità, eċċ.
Informazzjoni u dettalji dwar kif wieħed jagħmel kuntatt huma disponibbli għall-membri reġistrati u appovati tal-*Europemobility*.
www.linkedin.com: L-ikbar *network* professjonali fid-dinja, LinkedIn bi gruppi ta' interess li jkopru t-tiftix għal *partners* għal proġetti tal-UE bħal:
https://www.linkedin.com/groups?home=&gid=4105229
Grupp: Erasmus+ tiftix għal *partner*
https://www.linkedin.com/groups?mostRecent=&gid=4287623&trk=my_groups-tile-flip-grp
Grupp: Erasmus+ sejba ta' *partner*
http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/projects/
Il-pjattaforma għat-tixrid tal-proġetti Erasmus+ hija database unika ta' proġetti ta' mobilità Ewropej, u fuqha wieħed jista' jfittex billi juża filtri/kriterji differenti. Ikklikkja fuq proġett li jinteressak (pajjiż jew suġġett) biex taċċessa l-informazzjoni dwar kif jista' jsir kuntatt mal-*partners* involuti.

Tista' wkoll tirrispondi għal ittri elettroniċi li tirċievi mingħand organizzazzjonijiet intermedji u/jew li joffru taħriġ fil-post tax-xogħol f'pajjiżi barranin, imma huwa rakkomandat li tiċċekkja l-organizzazzjoni u r-riferenzi tagħha biex tevita li jkollok sorpriżi koroh aktar tard. Meta ssir riċerka dwar xi partner li jilqa' jew xi kumpanija li tospita lill-istudenti għal taħriġ fil-post tax-xogħol, il-kummenti ta' dawk li diġà pparteċipaw f'taħriġ mal-istess partner jew mal-istess kumpanija jistgħu jgħinu ħafna lill-kordinatur biex jieħu d-deċizjoni finali.

Mod ieħor tajjeb huwa li tiġi stabbilita sħubija bbażata fuq kuntatt personali waqt id-diversi avvenimenti internazzjonali f'livell ta' UE, bħal proġetti oħrajn, konferenzi

tematiċi jew ta' tixrid ta' informazzjoni, seminars ta' kuntatt, korsijiet ta' taħriġ, werkxops, eċċ. L-interessi komuni u l-aspettattivi taż-żewġ partijiet jistgħu jiġu eżaminati u diskussi wiċċ imb'wiċċ, u hekk jiġu evitati ostakoli mhux mistennija, nuqqas ta' ftehim u/jew sorpriżi koroh aktar tard.

Wieħed jista' jagħżel li jagħmel kif qiegħed jingħad hawn fuq minflok ma jmur għal żjara preparatorja minħabba li żjajjar bħal dawn ma għadhomx inklużi fil-Key Action 1 (KA 1), li tkopri kull tip ta' mobilità taħt il-programm il-ġdid Erasmus+.

Il-kordinatur tat-taħriġ fil-post tax-xogħol f'pajjiżi barranin għandu wkoll joffri l-għajnuna tiegħu lil dawk l-istudenti li forsi ma jkunux akkwistaw fondi imma li jkunu interessati ħafna li jagħmlu esperjenza ta' taħriġ fil-post tax-xogħol barra mill-pajjiż.
F'dan il-każ, il-kordinatur għandu jgħaddi lil dawn l-istudenti l-indirizzi elettroniċi ta' organizzazzjonijiet li joffru opportunitajiet ta' taħriġ fil-post tax-xogħol, flimkien ma' akkomodazzjoni u ikel mingħajr ħlas, jew inkella li joffru taħriġ bil-ħlas, jew taħlita tat-tnejn, bħal:
www.animafestexperience.com u http://www.europe-internship.com

## Il-preparazzjoni tad-dettalji għall-formola tal-applikazzjoni

Jekk il-kordinatur mhux il-persuna responsabbli biex jikteb il-formola tal-applikazzjoni (ara: http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/discover/guide/documents-applicants_en.htm) huwa għandu jipprovdi l-informazzjoni l-aktar essenzjali u li tkun relatata mat-taħriġ ippjanat. Huwa importanti ħafna li jiġu definiti:
il-profili professjonali, id-dettalji tal-kontenut u tat-tul tat-taħriġ, flimkien mal-kurrikulu tal-iskola/kulleġġ, biex ir-rikonoxximent/validazzjoni tat-tagħlim miksub mit-taħriġ ikun aktar faċli u iżjed trasparenti.

## L-implimentazzjoni tal-proċess tal-għażla

Jekk l-istituzzjoni tiegħek ingħatat il-fondi għall-ko-finanzjament ta' taħriġ fil-post tax-xogħol f'pajjiżi barranin, huwa d-dover tal-kordinatur li jorganizza l-għażla tal-parteċipanti, partikolarment jekk in-numru ta' applikanti jkun ikbar minn dak li jistgħu jiġu koperti bil-fondi mogħtija lill-istituzzjoni. Huwa importanti li dawk interessati li jipparteċipaw fit-taħriġ, jingħataw l-informazzjoni kollha dwar il-proċess tal-għażla qabel ma jiftaħ il-perjodu li matulu jiġu milqugħa l-applikazzjonijiet mill-iskola/kulleġġ.

L-attivitajiet tal-kordinatur jinkludu li: jiddefinixxi l-kriterji tal-għażla, jagħti l-informazzjoni meħtieġa lil dawk interessati dwar il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex jakkwistaw il-fondi għat-taħriġ, l-obbligazzjonijiet tagħhom jekk jingħażlu, u kif se jiġi rikonoxxut mill-istituzzjoni edukattiva tagħhom it-tagħlim miksub waqt it-taħriġ, fuq il-bażi taċ-ċertifikat li jkunu temmew b'suċċess it-taħriġ tagħhom fil-post tax-xogħol.
Wieħed jista' jsib mudell ta' grid tal-assessjar għall-għażla ta' parteċipanti f'mobilità fuq:
http://www.euroapprenticeship.eu/en/selection-and-matching.html
(Tinħtieġ reġistrazzjoni, li hija bla ħlas.)

## Il-preparazzjoni tad-dokumenti għal taħriġ fil-post tax-xogħol

Id-dokumenti meħtieġa (li mudell ta' ħafna minnhom jista' jinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Nazzjonali) jiġu ppreparati skont il-linjigwida tal-proġett Erasmus+ għall-Mobilità ta' Individwi għal Skop ta' Tagħlim (KA 1). Lista tal-Aġenzija Nazzjonali ta' kull pajjiż tista' tinkiseb minn: http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/national-agencies/index_en.htm

Jekk it-taħriġ ma jkunx ko-finanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, il-mudelli u dokumenti oħra normalment jiġu pprovduti mill-organizzazzjoni li tkun se tilqa' lill-istudenti. Huwa importantissimu li d-dokumenti kollha relatati mat-taħriġ fil-post tax-xogħol, partikolarment il-kuntratti ta' bejn il-*partners* u l-ftehim bid-dettalji tat-taħriġ li jkun se jiġi pprovdut, jiġu ffirmati qabel ma l-parteċipanti jitilqu minn pajjiżhom. Fil-każ ta' parteċipanti adoloxxenti, huwa normali li jkun obbligatorju (jew rakkomandabbli, jekk mhux obbligatorju) li l-kuntratti/ftehim tagħhom individwali jiġu ffirmati wkoll mill-ġenituri tagħhom. Huwa wkoll id-dover tal-kordinatur li jikkuntattja ċ-Ċentru *Europass* tal-pajjiż biex iġib għall-parteċipanti kollha d-dokumenti tal-*EUROPASS* applikabbli f'każi ta' mobilità, li jimla l-partijiet rilevanti, u li mbagħad jibgħathom lill-kordinatur tal-organizzazzjoni li tkun se tilqa' lill-istudenti. Għal iktar informazzjoni dwar kif għandhom jimtlew id-dokumenti *Europass* għall-mobilità, żur:
http://internship2industry.eu/tools/M2_3.1_D1_How_to_fill_in_the_Europass_Mobility.pdf
http://www.euroapprenticeship.eu/img_base/toolbox/n32-europass-information-en.pdf
Dwar kif jista' jsir kuntatt maċ-Ċentri Nazzjonali tal-Europass (elenkati skont il-pajjiż) żur:
https://europass.cedefop.europa.eu/en/about/national-europass-centres
Tista' ssib informazzjoni dettaljata dwar id-dokumenti Europass, f'kull lingwa tal-UE, fuq:
http://europass.cedefop.europa.eu/en/home

Għal informazzjoni sħiħa dwar is-sigurtà soċjali (assigurazzjoni, kura medika, eċċ.) fil-pajjiżi tal-UE, idħol: http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=26&langId=en. Madankollu, irid jingħad li dawk li jieħdu sehem f'mobilità huma mistennija jkollhom assigurazzjoni valida f'pajjiżhom, inklużi t-tliet tipi ta' assigurazzjoni li ġejjin:

- assigurazzjoni f'każi ta' inċident (li tkoprihom f'każ li jsofru xi inċident)
- assigurazzjoni tas-saħħa (li tkoprihom f'każi ta' mard), u
- assigurazzjoni f'każi li jinvolvu terzi persuni (li tkopri riskji li jikkonċernaw terzi persuni).

Informazzjoni iktar dettaljata dwar kull tip ta' assigurazzjoni tista' tintalab mingħand kumpaniji ta' assigurazzjoni fil-pajjiż

## Arranġamenti għall-vjaġġ, l-akkomodazzjoni u l-assigurazzjoni

Dan japplika partikolarment f'każi ta' edukazzjoni vokazzjonali inizjali fejn it-taħriġ fil-post tax-xogħol huwa implimentat prinċipalment fil-qafas tal-proġett tal-mobilità Erasmus+ KA1, u l-kordinatur jagħmel l-arranġamenti għall-grupp sħiħ ta' parteċipanti. Iżda kemm ikun kbir dan is-sapport jista' jvarja minn istituzzjoni għall-oħra. Fil-livell terzjarju, il-parteċipanti huma mistennija li juru aktar inizjattiva u jagħmlu dawn

l-arranġamenti waħedhom. Il-kordinatur huwa mistenni li jagħti lill-istudenti xi informazzjoni bażika u linjigwida rilevanti, u wkoll li jissapportjahom b'mod aktar intensiv rigward il-kontenut tal-ftehim dwar it-taħriġ biex jaraw li dan ikun konformi mar-rekwiżiti tal-istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' taħriġ obbligatorju fil-kurrikulu.

## L-organizzazzjoni tal-preparazzjoni lingwistika u dik kulturali

L-iskop u l-forma tal-preparazzjoni lingwistika u dik kulturali jiddependu fuq il-lingwa li tkun se tintuża jew il-lingwi li jkunu se jintużaw waqt it-taħriġ (il-lingwa nattiva tal-pajjiż li jkun se jilqa' lill-istudenti u l-lingwi mitkellma fil-kumpanija li tkun se tospitahom), kif ukoll fuq il-livell ta' edukazzjoni tal-parteċipanti (livell sekondarju/terzjarju).

Il-kordinatur fl-istituzzjoni li tkun se tibgħat lill-istudenti għandu jinvolvi lill-għalliema li jgħallmu l-lingwi fl-istess istituzzjoni fil-proċess ta' ppjanar għaliex huma jistgħu jipprovdu l-informazzjoni rilevanti dwar riżorsi għat-tagħlim tal-lingwa relatata mal-post tax-xogħol, u l-ħiliet u l-ħin meħtieġ biex issir preparazzjoni xierqa, partikolarment jekk huma jingħataw informazzjoni adegwata dwar il-kumpaniji li jkunu se jospitaw lill-istudenti u x-xogħol prinċipali li l-parteċipanti se jkunu mistennija jwettqu.

L-aspetti kulturali għandhom jiġu inklużi wkoll fl-attivitajiet maħsuba bħala preparazzjoni.

Il-programm Erasmus+ joffri sapport onlajn (permezz ta' tutorials, eżerċizzji onlajn, aħbarijiet, eċċ.) fit-tagħlim ta' sitt lingwi: l-Ingliż, il-Ġermaniż, l-Ispanjol, il-Franċiż, it-Taljan u l-Olandiż. Għal iktar informazzjoni, żur:
http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/online-linguistic-support_en.htm
Iktar suġġerimenti u ħoloq utli għal biex issir preparazzjoni lingwistika u kulturali huma inklużi fl-Ewwel Kapitlu – Punti għall-Istudenti.

Kif diġà ssemma, l-ammont ta' għajnuna li jagħti l-kordinatur jiddependi fuq il-livell edukattiv ta' dawk li jkunu ser jipparteċipaw fil-mobilità. Studenti li jkunu għadhom fil-bidu tal-edukazzjoni vokazzjonali tagħhom, normalment ikollhom bżonn l-għajnuna sħiħa tal-kordinatur, inkluż f'dak kollu elenkat f'dan il-kapitlu. Iżda, parteċipanti fil-livell terzjarju huma mistennija juru motivazzjoni qawwija u ħiliet adegwati biex isibu opportunitajiet ta' taħriġ fil-post tax-xogħol, jagħmlu l-arranġamenti għall-vjaġġ u għall-akkomodazzjoni, u jużaw ir-riżorsi suġġeriti biex jippreparaw lilhom infushom lingwistikament u kulturalment.

## WAQT IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL

Ix-xogħol prinċipali jinkludi:

### Il-monitoraġġ tat-taħriġ f il-post tax-xogħol

Il-monitoraġġ għandu jsir b'koperazzjoni mal-kordinatur li jilqa' lill-istudenti jew mal-persuna li tagħmilha ta' mentor fil-kumpanija li tospita lill-istudenti, u mal-parteċipanti nfushom biex il-kordinatur ikollu l-istampa miż-żewġ aspetti.

Huwa rakkomandabbli li l-kriterji ewlenin li fuqhom jiġi evalwat il-progress tal-parteċipanti, kif ukoll il-miżuri biex jiġu solvuti l-problemi li jinqalgħu l-iktar spiss, jiġu miftiehma mal-partner li jkun se jilqa' lill-istudenti. L-aktar ħaġa importanti hija li t-taħriġ jiġi implimentat skont kif miftiehem fil-kuntratt ta' bejn il-partners u fil-ftehim ta' taħriġ tal-istudenti individwali. Dan jassigura li, kemm jista' jkun, il-parteċipanti jħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet previsti, u hekk iħossuhom iktar kunfidenti fix-xogħol li jagħmlu.

### Iż-żamma tal-kuntatt mal-parteċipanti tal-mobilità

Huwa importanti li l-kordinatur jagħti lill-parteċipanti d-dettalji kollha dwar kif ikunu jistgħu jagħmlu kuntatt miegħu waqt il-perjodu tat-taħriġ (l-indirizz elettroniku, l-isem tal-iSkype, in-numru tal-mowbajl, l-iskeda ta' lezzjonijiet, eċċ.). Dan huwa importanti speċjalment minħabba li ħafna taħriġ fil-post tax-xogħol isir waqt il-vaganzi meta l-iskejjel/kulleġġi jkunu magħluqin. Għalhekk, il-kordinatur għandu jżomm kuntatt regolari mal-parteċipanti u mal-kordinatur li jilqa' lill-istudenti biex jimmonitorja l-progress tat-taħriġ, biex jgħin ħalli tinstab soluzzjoni għall-problemi, u biex ikun jista' jintlaħaq f'każ ta' emerġenza, inkluż barra l-ħin li fih ikun ftiehem mal-istudenti li jistgħu jikkuntattjawh.

### Kif tgħin biex tinstab soluzzjoni għall-problemi

Minkejja li l-parteċipanti jistgħu jkunu ppreparati tajjeb biex jgħixu u jaħdmu f'pajjiż barrani, huma jistgħu jiltaqgħu ma' problemi li jirriżultaw minn differenzi kulturali u/jew konvenzjonijiet soċjali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-kordinatur jista' jgħin lill-parteċipanti billi jkellimhom u jfissrilhom illi, li jadattaw ruħhom għal:

- ambjenti differenti tax-xogħol
- relazzjonijiet differenti fil-post tax-xogħol, u
- modi differenti ta' kif isir ix-xogħol (li jkunu jidhru qegħdin joħolqu problema lill-partecipanti),

huwa parti mill-proċess tat-tagħlim fil-post tax-xogħol.

Mod ieħor ħafif u effiċjenti kif tgħin lill-parteċipanti jsolvu l-problemi tagħhom, huwa billi tinkoraġġihom jissoċjalizzaw ma' ħbieb ġodda u kollegi barra l-ħin tax-xogħol. Għalhekk, għandhom jieħdu din l-opportunità unika biex jiksbu ħiliet prezzjużi għall-karriera futura tagħhom, liema ħiliet ma jistgħux jitgħallmuhom mill-kotba.

## WARA T-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL

### L-evalwazzjoni tat-taħriġ fil-post tax-xogħol

Il-kordinatur, flimkien mal-kordinatur li jilqa' lill-istudenti u mal-parteċipanti, għandhom isegwu l-proċedura ta' evalwazzjoni kif deskritta fuq il-formola tal-applikazzjoni. Hemm ħafna għodod kif ukoll teknika differenti biex takkwista l-informazzjoni neċessarja biex issir l-evalwazzjoni finali, pereżempju:

- stħarriġ

- intervisti mal-parteċipanti
- rapporti mimlijin mill-partecipanti
- formoli ta' evalwazzjoni għall-parteċipanti li jiġu mimlija mill-mentor tal-istudenti fil-kumpanija li tospitahom
- rapporti individwali u/jew ta' gruppi ppreparati mill-kordinatur li jilqa' lill-istudenti
- Europass Mobility, ċertifikati u/jew ittri ta' rakkomandazzjoni mill-intrapriżi li ospitaw lill-parteċipanti
- il-Portafolli tal-parteċipanti tat-Taħriġ fil-Post tax-Xogħol Internazzjonali.

L-analiżi tar-riżultati tal-evalwazzjoni tista' tintuża biex jiġu identifikati ċerti attivitajiet tal-kordinatur li jistgħu jkunu jinħtieġu titjib minħabba nuqqas ta' informazzjoni jew problemi oħra li jkunu ġew irrappurtati.

## It-tħaddim tal-proċedura għar-rikonoxximent tat-tagħlim miksub mit-taħriġ

Il-bażi għar-rikonoxximent ta' dak li jitgħallem l-istudent waqt it-taħriġ, jinkludi l-ġbir u l-iffajljar tad-dokumenti pprovduti mill-partner u mill-parteċipanti. Għal taħriġ fil-post tax-xogħol ta' student fil-livell terzjarju, ma għandux ikun hemm problemi għax il-kontenut tal-ftehim dwar it-taħriġ huwa ppreparat bi qbil mal-kurrikulu u jiġi miftiehem bejn it-tliet partijiet involuti (l-istituzzjoni li tibgħat lill-istudent, l-istudent u l-organizzazzjoni li tirċievi/tospita lill-istudent) qabel ma ssir il-mobilità.

Ir-rikonoxximent ta' taħriġ fil-post tax-xogħol għal perjodu qasir (sa tliet xhur) fil-livell sekondarju tal-edukazzjoni vokazzjonali, ivarja minn pajjiż għall-ieħor, u minn istituzzjoni għall-oħra, u jiddependi mis-sistema nazzjonali u l-livell ta' awtorità tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ.

Ir-rikonoxximent u t-trasparenza tal-ħiliet fl-UE hija waħda mill-pre-kondizzjonijiet l-iktar importanti biex it-taħriġ fil-post tax-xogħol jirnexxi, kif ukoll biex tinħoloq kuxjenza dwar l-importanza u l-vantaġġi tat-tagħlim fil-post tax-xogħol barra mill-pajjiż. L-ECVET (is-Sistema ta' Kreditu Ewropea għall-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ) toffri għodod għal assessjar trasparenti u evalwazzjoni tat-tagħlim miksub minn mobilitajiet (inkluż taħriġ fil-post tax-xogħol) li ġew żviluppati permezz ta' ħafna proġetti pilota ffinanzjati mill-Programm għat-Tagħlim Tul il-Ħajja (LLP):
http://www.euroapprenticeship.eu/en/ecvet-resources.html .
Tista' ssib is-sinteżi tal-aħħar riżultati ta' dawn il-proġetti pilota fil-browxer 'L-użu tal-ECVET għal programmi ta' mobilità u tagħlim tul il-ħajja – Lezzjonijiet mit-tieni ġenerazzjoni ta' proġetti pilota tal-ECVET' fuq:
http://www.ecvet-projects.eu/Documents/Seminars/ECVET%20Brochure%20October%202013%20web%20ready%20rgb.pdf
Il-kordinatur għandu jistudja din ir-riżorsa eżawrjenti u jipprova jsib proġetti rilevanti (eż. dawk żviluppati għall-istess settur/qasam li fih hu ppjanat li jsir it-taħriġ), b'għodod li jistgħu jintużaw (anke jekk b'xi ftit adattament) għall-assessjar, l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent skont is-sistema nazzjonali tal-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ.

**Il-qsim ma' oħrajn ta' eżempji ta' prattika tajba**
Il-kordinatur huwa mistenni jaqsam eżempji ta' prattika tajba mal-kollegi tiegħu, ma' min hemm iċ-ċans li jipparteċipa f'xi mobilità fil-futur, u ma' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali (jekk dan ikun possibbli). Dawk li diġà ppparteċipaw f'xi mobilità għandhom jiġu involuti b'mod intens fl-attivitajiet kollha, sabiex jippromovu l-benefiċċji li jinkisbu minn esperjenzi ta' tagħlim fil-post tax-xogħol. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jikkontribwixxu għal promozzjoni ikbar tat-taħriġ fil-post tax-xogħol f'setturi edukattivi u ekonomiċi u jwasslu għal titjib fl-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' mobilità.

## IL-KORDINATURI LI JILQGĦU LILL-ISTUDENTI

Ħafna xogħol li jsir mill-kordinatur li jilqa' lill-parteċipanti huwa marbut mill-qrib max-xogħol li jrid iwettaq il-kordinatur li jibgħat lill-istess studenti għax ħafna drabi x-xogħol ta' wieħed huwa dipendenti fuq tal-ieħor. L-attivitajiet imwettqa separatament miż-żewġ kordinaturi, flimkien jiffurmaw sensiela ta' attivitajiet li jassiguraw li t-taħriġ ikun suċċess.

Jekk il-kordinatur li jilqa' lill-istudenti jirrappreżenta organizzazzjoni li mhix dik li se tospita lill-istudenti, allura x-xogħol prinċipali li jrid iwettaq huwa li:

## QABEL IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL

### Jagħmel kuntatt ma' kumpaniji u intrapriżi li jospitaw lill-istudenti

Billi l-kordinatur huwa mistenni li jsib opportunitajiet ta' taħriġ addattat għall-bżonnijiet tal-parteċipanti, huwa vitali li jinforma lill-organizzazzjoni li għandha mnejn tilqa' lill-istudenti, dwar:

- il-profili professjonali tal-parteċipanti
- il-ħiliet tal-parteċipanti fl-użu tal-lingwi mitkellma, jew tal-lingwi li jkunu meħtieġa jitkellmu, fil-kumpanija fejn se jkunu jaħdmu
- it-tul tat-taħriġ fil-post tax-xogħol, kif ukoll
- kundizzjonijiet jew regolamenti speċifiċi applikabbli għall-parteċipanti skont il-liġijiet ta' pajjiżhom (eż. l-ikbar numru ta' sigħat li jistgħu jaħdmu kuljum, sahra jew limiti fuq il-ħin tax-xogħol, xiftijiet ta' bil-lejl, eċċ.)

### Jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji lill-kordinatur responsabbli milli jibgħat lill-parteċipanti

Il-pakkett bl-informazzjoni u d-dokumenti kollha neċessarji għandu jinkludi:

- materjal ta' informazzjoni dwar il-kumpaniji li jkunu se jospitaw lill-istudenti
- il-politika u l-viżjoni tal-kumpaniji li jkunu se jospitaw lill-istudenti
- ir-regoli dwar l-ilbies
- it-taħriġ disponibbli
- l-ismijiet tal-*mentors*

- kif isir il-monitoraġġ tat-taħriġ fil-post tax-xogħol
- l-assessjar u l-evalwazzjoni
- iċ-ċertifikati, eċċ.
- l-akkomodazzjoni u l-arranġamenti dwar l-ivvjaġġar fil-pajjiż barrani
- programm kulturali u preparazzjoni lingwistika matul il-perjodu tat-taħriġ (jekk ikun hemm ftehim dwarhom fil-kuntratt ta' bejn il-*partners)*.

Id-dokumenti kollha meħtieġa, partikolarment il-kuntratti ffirmati bejn il-partners u l-ftehim dwar it-taħriġ (li għandhom ikunu ffirmati u ttimbrati) għandhom jintbagħtu lill-organizzazzjoni li tkun se tilqa' lill-istudenti qabel jibda t-taħriġ, u preferibbilment qabel ma l-parteċipanti jħallu pajjiżhom.

## WAQT IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL:

### Jorganizza laqgħa ta' introduzzjoni għall-parteċipanti

Huwa rakkomandat li l-ewwel kuntatt mal-parteċipanti jsir malli jaslu, biex hekk iħossuhom milqugħa u fiż-żgur mill-bidunett. Jekk ikunu se jaħdmu f'intrapriżi differenti, il-kordinatur għandu jakkumpanjahom għax-xogħol l-ewwel ġurnata u jintroduċihom lill-mentors tagħhom li mbagħad ikunu responsibbli biex jagħtuhom aktar informazzjoni dwar it-taħriġ fil-post tax-xogħol (ara Kapitlu 3 – Punti għall-*Mentors*).

### Jimmonitorja t-taħriġ fil-post tax-xogħol

Il-kordinatur li jilqa' lill-parteċipanti huwa mistenni li jimmonitorja t-taħriġ b'koperazzjoni mal-mentors fl-intrapriżi billi juża t-teknika u l-għodod miftiehma fil-kuntratt iffirmat bejn il-partners (eż. telefonati regolari jew kuntatti permezz tal-imejl, żjajjar fil-post tax-xogħol, intervisti qosra mal-mentors u mal-parteċipanti, interim surveys, eċċ.). Huwa għandu jgħaddi lill-mentors id-dettalji ta' fejn jista' jiġi kkuntattjat, u l-ħinijiet li jistgħu jagħmlu dan, u għandu joffri l-għajnuna tiegħu f'każ li jinqalgħu xi problemi. Sadattant, minn żmien għal żmien huwa għandu jibgħat rapport lill-kordinatur li bagħat lill-istudenti.

L-iktar kwistjonijiet importanti li għandha tingħatalhom attenzjoni waqt il-monitoraġġ huma:

- kemm ikunu sodisfatti l-parteċipanti bit-taħriġ li jkunu qegħdin jingħataw
- kemm ix-xogħol assenjat lill-parteċipanti jaqbel mal-ħiliet tagħhom, filwaqt li joffrilhom opportunitajiet/sfidi biex itejbu l-kompetenzi ġenerali tagħhom (eż. l-abbiltà tagħhom li jintegraw ma' sħabhom fit-tim u li jegħlbu d-differenzi tal-lingwa u dawk kulturali, il-flessibiltà, it-tolleranza, l-iżvilupp ta' kompetenzi interkulturali, eċċ.).

## WARA T-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL:

### Jevalwa t-tagħlim milħuq u jgħin biex jinħarġu ċ-ċertifikati lill-parteċipanti

L-impressjoni ġenerali li l-parteċipant jieħu tal-benefiċċji tal-esperjenza tat-taħriġ fil-post tax-xogħol tiddependi ħafna mir-rikonoxximent li jingħata għal dak li jkun tgħallem u

miċ-ċertifikati li jakkwista. Min-naħa l-oħra, ir-rikonoxximent jista' jagħmilha aktar faċli għall-parteċipant li jsib impieg, jew isaħħaħlu l-karriera professjonali tiegħu. Għalhekk, il-kordinatur li jilqa' lill-istudenti għandu responsabbiltà kbira li jassigura li d-dokumenti kollha (speċifikati fil-kuntratt iffirmat bejn il-partners) ikunu mimlijin tajjeb qabel il-parteċipanti jmorru lura pajjiżhom. Il-kordinatur jista' jgħin lill-mentors fl-intrapriżi li jilqgħu lill-istudenti biex jimlew id-dokumenti meħtieġa u jinkoraġġihom jiktbu ittra ta' rakkomandazzjoni lil dawk il-parteċipanti li jkunu marru tajjeb ħafna fit-taħriġ.




**LISTA TA' GĦAJNUNIET** għall-**KORDINATURI** *(ara Appendiċi 2) toffri għajnuna addizzjonali billi tagħti ħarsa ħafifa lejn l-iktar xogħol importanti li jrid isir qabel, waqt u wara l-perjodu ta' taħriġ fil-post tax-xogħol.*

# IT-TIELET PARTI: PUNTI GĦALL-MENTORS

**Introduzzjoni**
Il-kelma mentor kif użata f'din il-gwida tfisser persuna li hija responsabbli li tintroduċi, tgħallem, timmonitorja, tevalwa u tiċċertifika taħriġ fil-post tax-xogħol li jsir f'kumpaniji barra mill-pajjiż.

F'kumpaniji kbar, normalment ikun il-kordinatur li jilqa' lill-parteċipanti li jgħaddi lill-mentors inkarigati mill-istudenti fid-dipartimenti differenti, l-informazzjoni kollha neċessarja u jispjegalhom l-attivitajiet prinċipali relatati mal-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-istudenti barranin waqt it-taħriġ tagħhom fil-post tax-xogħol. Attività mill-iktar importanti hija li jintbagħat rapport regolarment lill-kordinatur - u, naturalment, lill-istudenti nfushom - dwar l-andament tal-parteċipanti. Iżda, f'kumpaniji/intrapriżi żgħar, il-mentor u l-kordinatur li jilqa' lill-istudenti spiss ikunu l-istess persuna.

Huwa importanti li l-mentors ikunu infurmati tajjeb dwar it-taħriġ ippjanat u jkunu involuti fil-preparazzjoni u fl-organizzazzjoni sa mill-bidunett. Naturalment, l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-proċess kollu jiddependu mid-daqs tal-kumpanija/intrapriża. Huwa biss permezz ta' koperazzjoni tajba bejn il-partijiet konċernati li jista' jiġi assigurat is-suċċess tat-taħriġ, u effiċjenza fis-soluzzjoni tal-problemi.

## QABEL IT-TAHRIĠ FIL-POST TAX-XOGHOL

### Il-preparazzjoni għat-taħriġ fil-post tax-xogħol

Jekk tiġi appuntat mentor ta' studenti li jkunu se jagħmlu esperjenza ta' taħriġ fil-post tax-xogħol fil-kumpanija fejn taħdem inti, għandek titlob li tara d-dokumenti relatati, bħall-Europass CV tal-istudenti, l-ittri ta' motivazzjoni, u informazzjoni dettaljata dwar il-ħiliet li huwa mistenni li l-istudenti jiksbu bħala riżultat tat-taħriġ (skont l-għanijiet tal-mobilità jew il-miri personali tal-istudenti li japplikaw għat-taħriġ b'mod individwali). L-attivitajiet ewlenin fil-fażi preparatorja jinkludu li:

- tistudja d-dokumentazzjoni pprovduta mill-organizzazzjoni li tkun se tibgħat lill-istudenti. Ikun jaqbel li tagħmel lista tal-profili professjonali (il-ħiliet, l-esperjenza, il-kompetenzi lingwistiċi, eċċ.) tal-istudenti magħżula biex jagħmlu t-taħriġ fil-kumpanija tiegħek
- kemm jista' jkun, tidentifika taħriġ xieraq li jkun jaqbel mal-miri u l-aspettattivi tal-istudenti. Hawnhekk għandek tikkunsidra xogħol u responsabbiltajiet relatati ma' karriera, li joffru sfida, u li realistikament l-istudent ikun kapaċi jwettaqhom. Ikkuntattja lill-organizzazzjoni li tkun se tibgħat lill-istudenti jekk il-kumpanija tiegħek ma tkunx tista' toffri taħriġ tajjeb għall-ħtiġijiet tal-istudenti u pprova sib kompromess, jiġifieri toffri xogħol differenti, jew tiftiehem fuq "pakkett minimu" ta' attivitajiet li xorta jkun suffiċjenti biex l-istudent ikollu t-taħriġ tiegħu rikonoxxut mill-istituzzjoni li jiffrekwenta.

- tagħti, lill-organizzazzjoni li se tibgħat lill-istudenti, informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol magħżula, inkluża deskrizzjoni tax-xogħol li se jiġi assenjat lill-parteċipanti.

http://www.euroapprenticeship.eu/img_base/toolbox/n6-checklist-for-hosting-institutions-en.pdf

### X'informazzjoni għandha tingħata lill-impjegati tal-kumpanija

Għandek tieħu ħsieb tgħarraf lill-kumpanija tiegħek kemm se jdum it-taħriġ u fiex se jkun jikkonsisti, kif ukoll tagħti l-informazzjoni neċessarja dwar l-istudenti assenjati lil kull dipartiment individwali. Ħafna drabi, f'kumpaniji kbar, ir-responsabbiltà li jirrappurtaw dwar l-andament tal-istudenti, tingħata lill-kapijiet tad-dipartimenti – agħti din il-biċċa xogħol lill-aħjar impjegati tal-kumpanija, u dawn imbagħad jirrappurtaw lill-mentor inkarigat mit-taħriġ tal-istudenti, li spiss ikun il-Maniġer tar-Riżorsi Umani. Itlob lill-membri tal-istaff biex jinkludu wkoll lill-istudenti fl-attivitajiet soċjali tal-kumpanija, bħal pereżempju f'laqgħat informali, avvenimenti sportivi, festini f'għeluq snin xi ħadd mill-ħaddiema, eċċ. Dan jgħin biex jiġu żviluppati relazzjonijiet personali li jikkontribwixxu għal atmosfera pjaċevoli u aktar effiċjenza fil-post tax-xogħol.






### Il-preparazzjoni ta' materjal ta' informazzjoni

Għalkemm l-istudenti normalment jingħataw informazzjoni dwar il-kumpanija magħżula qabel attwalment jibdew it-taħriġ, ikun utli jekk tipprepara xi materjal ġenerali dwar il-kumpanija tiegħek, kif ukoll "pakkett ta' informazzjoni u ta' merħba" biex jitqassmu lill-istudenti fl-ewwel laqgħa tagħhom (ara iktar fuq dan is-suġġett fil-kapitlu li jmiss).

## WAQT IT-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL

### L-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' introduzzjoni

Għall-istudenti, l-ewwel ġurnata fil-kumpanija li tospitahom tista' tkun ta' stress kbir, speċjalment għal dawk li din tkun għalihom l-ewwel esperjenza ta' dan it-tip. Ta' min jiftakar li, f'daqqa waħda, dawn mhux biss sabu quddiemhom ambjent ta' xogħol li ma jafuhx, imma wkoll, temporanjament, qegħdin jgħixu f'post ġdid f'pajjiż barrani. Għalhekk huwa importanti ħafna li tgħinhom jadattaw ruħhom għaċ-ċirkostanzi l-ġodda mill-bidunett.

L-aħjar mod huwa li torganizza laqgħa ta' introduzzjoni, tagħtihom merħba sabiħa, u tipprovdilhom l-informazzjoni kollha dwar il-post tax-xogħol ġdid tagħhom u t-tim li se jaħdmu miegħu. Ħafna parteċipanti li ħadu sehem f'mobilità fil-passat irrappurtaw il-"biża' ta' dak li ma jafux" bħala r-raġuni prinċipali li rrendiethom inqas kunfidenti u/jew żammithom lura milli jieħdu l-inizjattiva bħas-soltu. Jekk ikollhom l-informazzjoni kollha u jkunu jafu sewwa x'għandhom jistennew, l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom aħjar u jsolvu l-problemi li jiltaqgħu magħhom.  Għalhekk huwa rakkomandat li tipprepara "pakkett/folder ta' merħba u informazzjoni"  u tqassmu lill-istudenti fil-laqgħa ta' introduzzjoni. L-informazzjoni għandha tinkludi partikolarment dan li ġej:

- tagħrif dwar il-kumpanija (il-viżjoni, il-politika, il-valuri, il-prodotti, is-servizzi u l-klijenti tagħha;  il-protezzjoni tad-dejta, kunfidenzjalità, eċċ.)
- il-persuni li jistgħu jiġu kkuntattjati (isimhom, it-titlu tagħhom, il-funzjoni u d-disponibilità tagħhom). Stabbilixxi xħin u fejn l-istudenti jkunu jistgħu jikkuntattjaw lilek u lill-persuni l-oħra li magħhom jistgħu jagħmlu kuntatt, matul il-ġimgħa
- ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tat-tim il-ġdid fuq ix-xogħol
- is-sigħat tax-xogħol, il-ħinijiet tal-ikel, u l-brejks
- ir-regolamenti tal-kumpanija, bħal proċeduri dwar kif  jirrappurtaw li jkunu ma jifilħux, x'jiġri jekk jaslu tard għax-xogħol, regolamenti dwar it-tipjip, l-użu tal-internet, regoli dwar l-ilbies
- sigurtà (tipi ta' alarms, l-użu ta' lbies u żraben ta' sigurtà, badges bl-ismijiet, eċċ.)
- riskji relatati mal-post tax-xogħol fejn ikun se jaħdem l-istudent – iċċekkja jekk l-assigurazzjoni tal-istudent tkoprix ir-riskji kollha.
- il-proċeduri tax-xogħol u l-kontroll tal-kwalità
- il-makkinarju u r-responsabbiltà għall-makkinarju
- informazzjoni speċifika dwar il-kultura u t-tradizzjonijiet
- il-pjan personali tax-xogħol u l-iskeda għal kull student (jekk ikun hemm xi bdil minn dak miftiehem fil-ftehim dwar it-taħriġ tal-istudent, dan għandu jiġi mfiehem u spjegat lill-istudent konċernat meta jkun meħtieġ)
- il-metodi ta' monitoraġġ u l-kriterji li fuqhom jiġi evalwat l-andament tal-istudent fil-post tax-xogħol.

Segwi l-ħolqa li tidher hawn taħt biex issib lista dettaljata li tista' tgħinek toħloq folder tajjeb ta' informazzjoni u merħba għall-istudenti:
http://www.euroapprenticeship.eu/img_base/toolbox/n37-checklist-for-the-trainee-introdcution-to-the-company-en1.pdf

## Il-monitoraġġ tat-taħriġ fil-post tax-xogħol

- Biċċa xogħol importanti li jrid jagħmel il-mentor inkarigat mill-parteċipanti fit-taħriġ hija li jimmonitorja t-taħriġ billi jitlob rapporti regolari dwar ix-xogħol tal-istudenti permezz tal-proċess ta' evalwazzjoni, u wkoll billi kuljum jitkellem ftit mal-istudenti.  Ikun utli li torganizza intervista qasira ma' kull student wara li tgħaddi l-ewwel ġimgħa biex tiċċekkja l-ewwel impressjonijiet dwar l-aspetti professjonali u soċjali u l-abbiltà ta' kull student li jadatta ruħu għall-ambjent

tax-xogħol. Din hija wkoll opportunità biex tidentifika sitwazzjonijiet li jistgħu joħolqu problemi jekk ma jiġux ikkjarifikati u/jew solvuti mill-ewwel. Inkoraġġixxi lill-istudenti biex jesprimu ruħhom b'sinċerità u joffru soluzzjonijiet. L-attivitajiet prinċipali marbuta mal-monitoraġġ jistgħu jinkludu:

- jekk il-ħin jippermetti, li kuljum titkellem ftit mal-istudenti
- li żżomm kuntatt regolari mal-organizzazzjoni/kordinatur li bagħtet/bagħat lill-istudenti
- li tassessja x'tgħallmu l-istudenti mit-taħriġ fil-post tax-xogħol (skont il-ftehim dwar it-taħriġ)
- li tevita l-problemi jew konflitti, u tindaħal/tgħin biex tinstab soluzzjoni – segwi l-ħolqa ta' hawn taħt biex issib ir-regoli bażiċi ta' kif għandek taġixxi u tirreaġixxi f'sitwazzjonijiet bħal dawn: http://internship2industry.eu/supervisors/eng/4-extras/4.2
- li tgħin lill-istudenti  jegħlbu d-differenzi interkulturali – ara punti siewja dwar dan fuq: http://internship2industry.eu/supervisors/eng/4-extras/4.1/ and http://internship2industry.eu/tools/M2_4.1_D1_Tips_For_Managing_Intercultural_Communication.pdf

## WARA T-TAĦRIĠ FIL-POST TAX-XOGĦOL

### L-evalwazzjoni tat-taħriġ fil-post tax-xogħol

L-iskop ewlieni tal-evalwazzjoni tat-taħriġ fil-post tax-xogħol huwa biex tkun tista' tingħata informazzjoni – lill-istudent u lill-istituzzjoni li bagħtitu – dwar kif mar l-istudent waqt it-taħriġ.  Il-kriterji ta' evalwazzjoni ġeneralment huma definiti mill-istituzzjoni li qiegħda tibgħat lill-istudent u li tista' tipprovdi lill-kumpanija li qiegħda tospita formoli ta' evalwazzjoni addattati għas-sistema tagħha ta' assessjar u ta' rikonoxximent għar-riżultati miksuba mill-parteċipanti. Jekk le, it-taħriġ ikun jista' jiġi evalwat mill-mentors billi jadattaw il-formoli użati għall-evalwazzjoni tal-impjegati tal-kumpanija tagħhom, jew billi jużaw il-formola ta' evalwazzjoni li mudell tagħha jista' jinkiseb minn: http://www.euroapprenticeship.eu/en/evaluation-of-the-placement.html
(Tinħtieġ reġistrazzjoni, li hija bla ħlas.)

L-istudenti żgur li japprezzaw li jingħataw din ix-xorta ta' informazzjoni għax din tgħinhom jifhmu fejn huma kapaċi u fejn għandhom bżonn itejbu l-ħiliet tagħhom.

Bħala mentor tat-taħriġ fil-post tax-xogħol, għandek ukoll tevalwa u tanalizza l-implimentazzjoni tat-taħriġ għal studenti barranin:

- mill-aspett tal-kumpanija – biex tidentifika l-benefiċċji u l-vantaġġi (jew l-iżvantaġġi) li l-kumpanija tospita student minn pajjiżi barranin li jipparteċipaw f'esperjenzi ta' mobilità fl-Ewropa. Tista' tuża jew tadatta l-mudell tal-formola maħsuba biex kumpaniji li jospitaw studenti bħal dawn jassessjaw lilhom infushom, u li tista' tinġieb minn: http://www.euroapprenticeship.eu/en/validation-recognition-and-transfer-of-the-training-period.html

- mill-aspett tal-istudenti – uża jew adatta l-mudell ta' formola għall-assessjar ta' taħriġ fil-post tax-xogħol li tista' ssib minn:
  http://internship2industry.eu/supervisors/eng/3-after-the-internship/3.1/
  (ara l-formoli: Assessjar tat-Taħriġ tal-Istudent – l-Isvezja)

Analiżi bħal din tista' sservi bħala bażi għal iktar titjib fil-futur, fl-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' taħriġ fil-post tax-xogħol internazzjonali.

## It-tlestija tad-dokumenti

Ix-xogħol tal-mentor marbut mat-tlestija u l-ħruġ tad-dokumenti huwa ta' importanza mill-iktar kbira għall-istudenti minħabba li d-dokumenti mitluba mill-istituzzjoni li bagħtitlhom iservu bħala l-bażi għar-rikonoxximent ta' dak li jkunu tgħallmu waqt il-programm ta' taħriġ. Kun ċert li d-dokumenti kollha jkunu ttimbrati u ffirmati mill-persuna awtorizzata. Iċ-ċertifikati u l-ittri ta' rakkomandazzjoni maħruġa mill-kumpanija tiegħek għandhom ikunu miktubin/ipprintjati fuq karti uffiċjali tal-kumpanija. L-aktar dokumenti mitluba normalment ikunu:

- **il-*Europass Mobility*** Dan huwa dokument li fih jiġu rrekordjati l-għarfien u l-ħiliet li persuna tikseb f'pajjiż ieħor Ewropew meta tmur hemmhekk bl-iskop li titgħallem jew li tagħmel esperjenza ta' xogħol. Dan id-dokument issibu f'kull lingwa tal-UE. L-istituzzjoni li tibgħat lill-istudenti hija responsabbli biex takkwista d-dokument tal-*Europass Mobility* miċ-Ċentru tal-*Europass* fil-pajjiż. Wara, id-dkument jimtela kemm mill-istituzzjoni li tibgħat lill-istudenti kif ukoll minn dik li tilqagħhom jew mill-kumpanija li tospitahom.
  It-timbru u l-firma tal-kumpanija li tilqa' lill-istudenti huma kkunsidrati bħala evidenza li l-istudent ikun temm it-taħriġ b'suċċess. Qabel tiffirma, ivverifika li x-xogħol elenkat fid-dokument tal-*Europass Mobility* jaqbel mal-Ftehim tat-Tagħlim u mal-programm ta' taħriġ tal-istudent.
  Għal iktar informazzjoni dwar il-*Europass Mobility* u eżempji tal-istess dokument, żur:
  http://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/european-skills-passport/europass-mobility
  Tista' ssib punti siewja dwar kif timla d-dokument tal-Europass Mobility fuq:
  http://internship2industry.eu/tools/M2_3.1_D1_How_to_fill_in_the_Europass_Mobility.pdf

- **Ċertifikat** tal-kumpanija li l-istudent ikun lesta t-taħriġ tiegħu fil-post tax-xogħol (id-dettalji personali tal-istudent, it-tul tat-taħriġ, id-dipartiment/i, ix-xogħol prinċipali mwettaq mill-istudent, u l-isem/in-numru tal-proġett ta' mobilità jekk it-taħriġ kien implimentat taħt il-programm Erasmus+). Jekk l-istudenti jkunu attendew xi kors organizzat mill-kumpanija jew xi taħriġ speċjali dwar, pereżempju, l-użu ta' magni jew makkinarju speċifiku, jew xi kors tal-HACCP, jew xi werkxop dwar il-motivazzjoni, eċċ., jistgħu jinħarġu (u jinthemżu) ċertifikati addizzjonali.

- **Ittra ta' rakkomandazzjoni** fil-każ ta' studenti li xogħolhom kien eċċellenti, jew li għamlu xi kisbiet oħra waqt il-perjodu tat-taħriġ.
- **Rapport** li jintbagħat lill-organizzazzjoni li bagħtet lill-istudenti. Dan japplika partikolarment f'każ ta' gruppi mibgħuta mill-istess partner, u għandu jinkludi ġabra fil-qosor/analiżi tal-mobilità in ġenerali (formola ta' evalwazzjoni għandha/tista' tinhemeż għal kull student).




## Il-qsim ta' prattika tajba ma' ħaddieħor

L-esperjenza pożittiva tiegħek tista' tkun ta' motivazzjoni u tgħin fil-livell lokali, nazzjonali u/jew internazzjonali. Fl-istess ħin, din l-esperjenza tista' tagħmel id-dimensjoni internazzjonali/Ewropea tal-kumpanija tiegħek viżibbli u trasparenti. Inti tista':

- tippostja stampi u kummenti ta' studenti fuq il-paġna tal-web tal-kumpanija tiegħek, u fuq il-midja soċjali bħal Facebook u Twitter
- tinkludi informazzjoni dwar it-taħriġ ta' studenti barranin fil-post tax-xogħol f'artikli dwar il-kumpanija tiegħek ippubblikati f'gazzetti u rivisti professjonali
- tippreżenta l-esperjenza tiegħek f'avvenimenti promozzjonali u waqt attivitajiet oħra rilevanti bħal werkxops, seminars, konferenzi, eċċ.

Meta taqsam ma' oħrajn eżempji ta' prattika tajba, tkun qiegħed tippromovi l-benefiċċji li t-taħriġ fil-post tax-xogħol għal studenti barranin jista' jkollu għall-kumpanija meta dan ikun organizzat u implimentat tajjeb. Huwa importanti li tagħmilha ċara li kumpaniji li joffru l-possibilità lil studenti żgħażagħ li jagħmlu esperjenza ta' xogħol f'pajjiż barrani, ikunu qegħdin jagħmlu xogħol sostenibbli għax ikunu qegħdin jiżviluppaw il-kwalità tal-professjonisti tal-futur.

**LISTA TA' GĦAJNUNIET** għall-**MENTORS** *(ara Appendiċi 3) toffri għajnuna addizzjonali permezz ta' ħarsa ħafifa lejn l-iktar xogħol importanti li jrid isir qabel, waqt u wara l-perjodu ta' taħriġ fil-post tax-xogħol.*

# APPENDIĊI

## Appendiċi 1 : LISTA TA' GĦAJNUNIET għall-ISTUDENTI

| META | X'IRID ISIR (deskrizzjoni tax-xogħol) | IMMARKA meta tlesti |
|---|---|---|
| **QABEL** | Spjega l-motivazzjoni tiegħek u r-raġunijiet li tixtieq tagħmel perjodu ta' taħriġ fil-post tax-xogħol internazzjonali (poġġi r-raġunijiet tiegħek f'ordni skont il-prijorità) | |
| | Ġib l-informazzjoni kollha dwar il-proċedura ta' applikazzjoni fl-iskola tiegħek jew ikkuntattja direttament lil xi kumpaniji li jistgħu jkunu interessati li jospitawk | |
| | Ipprepara d-dokumenti kollha għall-applikazzjoni (Europass CV, ittra ta' motivazzjoni jew ittra ta' applikazzjoni) | |
| | Sib l-akkomodazzjoni (ikseb konferma bil-miktub tar-reġistrazzjoni) | |
| | Agħmel l-arranġamenti għall-vjaġġ minn fejn toqgħod għad-destinazzjoni tiegħek fil-pajjiż barrani (ixtri l-biljetti, ibbukkja l-postijiet bil-quddiem jekk ikun hemm bżonn) | |
| | Ipprepara d-dokumenti meħtieġa: | |
| | - l-ID jew il-passport (iċċekkja li huma validi) | |
| | - il-European Health Insurance Card (EHIC) | |
| | - polza tal-assigurazzjoni (li tkopri inċidenti u anke terzi persuni) | |
| | - l-International Student Identity Card (ISIC) | |
| | - il-visa u l-work permit (jekk ikunu meħtieġa) | |
| | Agħmel pjan finanzjarju | |
| | Ipprepara lilek innifsek mil-lat lingwistiku bl-għajnuna tal-kordinatur inkarigat biex jibgħat l-istudenti għat-taħriġ u/jew tal-għalliem/a tal-lingwi | |
| | Ipprepara lilek innifsek mil-lat kulturali bl-għajnuna tal-kordinatur inkarigat biex jibgħat l-istudenti għat-taħriġ u/jew tal-għalliem/a | |
| **WAQT** | Ipprepara ruħek għall-ewwel laqgħa jew intervista fl-intrapriża li se tospitak | |
| | Informa immedjatament lill-mentor tiegħek (u lill-kordinatur inkarigat milli jibgħat lill-istudenti) dwar kull problema li tinqala' – kun sinċier iżda edukat u kun lest li tasal għal kompromess | |
| | Issoċjalizza ma' sħabek fuq ix-xogħol u man-nies tal-lokal waqt il-ħin liberu tiegħek – tgħallem dwar kif jgħixu, u dwar it-tradizzjonijiet u l-kultura tagħhom | |
| | Ikkomunika kemm tista' – jekk ma tafx titkellem bil-lingwa tal-pajjiż li jkun qiegħed jospitak, ipprova tgħallem l-elementi bażiċi tagħha | |
| **WARA** | Iġbor id-dokumenti kollha dwar it-taħriġ fil-post tax-xogħol, partikolarment iċ-ċertifikat li juri li temmejt it-taħriġ u d-dokument tal-Europass Mobility, mingħand il-kumpanija li ospitatek jew mingħand il-kordinatur li kien inkarigat jilqa' lill-istudenti | |
| | Ikteb ittra ta' ringrazzjament lill-mentor tiegħek jew lill-kumpanija li ospitatek | |
| | Ikteb ir-rapport finali għall-istituzzjoni li bagħtitek | |
| | Imla l-Portafoll għat-Taħriġ fil-Post tax-Xogħol Internazzjonali | |
| | Aqsam l-esperjenza tiegħek mal-għalliema u l-istudenti fl-iskola tiegħek u mal-pubbliku in ġenerali (permezz ta' preżentazzjonijiet, Facebook, Twitter, blog posts) | |

## Appendiċi 2 : LISTA TA' GĦAJNUNIET għall-KORDINATURI

| META | X'IRID ISIR (deskrizzjoni tax-xogħol) | IMMARKA meta tlesti |
|---|---|---|
| **IL-KORDINATURI LI JIBAGĦTU LILL-ISTUDENTI** | | |
| **QABEL** | Sib partners addattati biex jilqgħu/jospitaw lill-istudenti (iċċekkja r-riferenzi tagħhom) | |
| | Ipprepara d-dettalji tal-formola tal-applikazzjoni (il-profili professjonali tal-istudenti, it-tul tat-taħriġ u l-programm tat-taħriġ fil-post tax-xogħol) | |
| | Organizza u implimenta l-proċess tal-għażla | |
| | Organizza laqgħa għall-parteċipanti magħżula | |
| | Ipprepara d-dokumenti għat-taħriġ fil-post tax-xogħol (il-kuntratti ta' bejn il-partners, il-ftehim dwar it-taħriġ tal-istudenti, il-Europass mobility, eċċ.) | |
| | Organizza l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni għall-istudenti (għal dawk fil-livell sekondarju tal-edukazzjoni vokazzjonali) jew għinhom jagħmlu l-arranġamenti għall-vjaġġ u għall-akkomodazzjoni (fil-każ ta' studenti fil-livell terzjarju) | |
| | Organizza għall-istudenti l-preparazzjoni lingwistika u kulturali, jew agħtihom pariri u informazzjoni dwar sorsi/ħoloq li jgħinuhom biex jippreparaw lilhom infushom | |
| **WAQT** | Immonitorja t-taħriġ billi żżomm kuntatt regolari mal-kumpanija li tospita lill-istudenti kif ukoll mal-istudenti | |
| | Għin biex tinstab soluzzjoni għall-problemi jekk jinqala' l-bżonn | |
| **WARA** | Evalwa t-taħriġ bil-għajnuna taċ-ċertifikati, il-Europass Mobility, kwestjonarji, ir-rapporti finali u l-Portafolli tat-Taħriġ fil-Post tax-Xogħol Internazzjonali | |
| | Implimenta l-proċedura għar-rikonoxximent tat-tagħlim miksub mill-istudenti waqt il-perjodu tat-taħriġ | |
| | Aqsam ma' ħaddieħor l-eżempji ta' prattika tajba | |
| **IL-KORDINATURI LI JILQGĦU LILL-ISTUDENTI** | | |
| **QABEL** | Ikkuntattja lill-kumpaniji li jospitaw lill-istudenti biex issib opportunitajiet ta' taħriġ addattat | |
| | Għaddi lill-istituzzjoni li tkun se tibgħat lill-istudenti informazzjoni dettaljata dwar it-taħriġ magħżul u dwar id-dokumenti meħtieġa | |
| **WAQT** | Organizza laqgħa ta' introduzzjoni għall-parteċipanti fil-mobilità | |
| | Fl-ewwel ġurnata akkompanja lill-istudenti sal-post tax-xogħol fejn ikunu ser jieħdu t-taħriġ | |
| | Immonitorja t-taħriġ billi titlob rapport regolari mingħand il-kumpaniji li jkunu qegħdin jospitaw lill-istudenti | |
| **WARA** | Iġbor l-informazzjoni mingħand il-kumpaniji li ospitaw lill-istudenti biex tkun tista' tevalwa t-taħriġ mogħti lill-parteċipanti | |
| | Iċċekkja jekk il-kumpaniji li ospitaw lill-istudenti ħarġux iċ-ċertifikati u/jew id-dokumenti tal-Europass Mobility lill-istudenti kollha | |
| | Jekk id-dokumenti ma tqassmux lill-parteċipanti fil-mobilità qabel ma telqu lura lejn pajjiżhom, ibgħat id-dokumenti kollha lill-istituzzjoni li bagħtet l-istudenti mingħajr ma tħalli jgħaddi ħafna żmien | |

## Appendiċi 3 : LISTA TA' GĦAJNUNIET għall-MENTORS

| META | X'IRID ISIR (deskrizzjoni tax-xogħol) | IMMARKA meta tlesti |
|---|---|---|
| QABEL | Agħżel postijiet tax-xogħol fil-kumpanija tiegħek li jidhirlek li jkunu addattati għall-istudenti skont il-profili, il-Europass CVs u l-ittri ta' motivazzjoni tagħhom | |
| | Għarraf lill-kordinatur li jkun se jilqa' lill-istudenti kif ukoll lil dak inkarigat li jibgħathom, x'postijiet tax-xogħol ġew magħżula u x'xogħol se jiġi assenjat lill-istudenti | |
| | Informa lill-ħaddiema dwar il-parteċipanti tal-mobilità, u t-tul u l-iskop tat-taħriġ tal-istudenti | |
| | Ipprepara "pakkett ta' informazzjoni u ta' merħba" għall-parteċipanti | |
| | Ipprepara biex tagħmel laqgħa ta' introduzzjoni jew intervisti | |
| WAQT | Organizza u implimenta laqgħa ta' introduzzjoni għall-parteċipanti (introduċi lill-kumpanija, dawwar l-istudenti mal-post tax-xogħol, qassmilhom materjal ta' informazzjoni, eċċ.) | |
| | Immonitorja t-taħriġ: | |
| | - iġbor regolarment, mingħand dawk responsabbli, informazzjoni dwar l-andament tal-istudenti | |
| | - iġbor regolarment informazzjoni mingħand l-istudenti (billi tkellimhom ftit kuljum) | |
| WARA | - jekk jinqalgħu xi problemi, għin biex tinstab soluzzjoni | |
| | Assessja t-tagħlim miksub mill-istudenti (formoli għall-evalwazzjoni) | |
| | Żomm kuntatt mal-kordinatur li bagħat lill-istudenti u ma' dak li laqagħhom | |
| | Ipprepara, ittimbra u ffirma d-dokumenti meħtieġa biex issir l-evalwazzjoni u joħorġu ċ-ċertifikati: | |
| | - imla d-dokumenti tal-Europass Mobility | |
| | - oħroġ iċ-ċertifikati li jikkonfermaw li t-taħriġ tlesta kompletament | |
| | - ikteb rapport qasir (jekk trid) | |
| | Evalwa u analizza t-taħriġ mill-aspett tal-istudenti kif ukoll mill-aspett tal-kumpanija | |
| | Agħti s-suġġerimenti tiegħek dwar kif jista' jsir titjib | |
| | Aqsam ma' ħaddieħor eżempji ta' prattika tajba (kemm ma' kollegi fil-kumpanija tiegħek u anke ma' nies oħra li ma jappartjenux lill-kumpanija tiegħek) | |
| | Ippromovi l-benefiċċji għall-kumpanija tiegħek meta din tospita studenti barranin biex jagħmlu taħriġ ta' kwalità fil-post tax-xogħol | |